

Brussell, 26 ta' Ġunju 2018
(OR. en)

10494/18

POLGEN 104
POLMAR 7
POLMIL 97
CFSP/PESC 615
COAFR 170
COASI 161
COMAR 18
ENV 468
JAI 697
MAR 85
PECHE 246
RECH 303
TRANS 285

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-reviżjoni tal-Pjan ta' Azzjoni tal-Istrateġija dwar is-Sigurtà Marittima tal-Unjoni Ewropea (EUMSS) (26 ta' Ġunju 2018)

Id-delegazzjonijiet isibu mehmużin il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-reviżjoni tal-Pjan ta' Azzjoni tal-Istrateġija dwar is-Sigurtà Marittima tal-Unjoni Ewropea (EUMSS), kif adottati mill-Kunsill Affarijiet Ġenerali fis-26 ta' Ġunju 2018.

**Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-reviżjoni
tal-Pjan ta' Azzjoni tal-Istrateġija dwar is-Sigurtà Marittima tal-Unjoni Ewropea (EUMSS)**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA:

1. JILQA' l-progress li sar fl-implimentazzjoni tal-Istrateġija dwar is-Sigurtà Marittima tal-Unjoni Ewropea (EUMSS) f'konformità mal-prijoritajiet identifikati fl-Istrateġija Globali tal-UE dwar il-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni u l-ħidma li għaddejja biex tissaħħaħ il-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni (PSDK), biex b'hekk tittejjeb, anki fil-qasam marittimu, il-kapaċità tal-UE li taġixxi bħala fornitur tas-sigurtà u l-awtonomija strateġika tagħha, u biex tissaħħaħ il-kapaċità tagħha li tikkoopera mas-sħab; JISSOTTOLINJA li bil-ħsieb li tittejjeb is-sigurtà marittima globali, l-azzjonijiet imniżżla fil-Pjan ta' Azzjoni tal-EUMSS għandhom jikkontribwixxu wkoll għall-implimentazzjoni tal-Istrateġija Globali tal-UE u l-istrateġija ta' sigurtà interna mġedda tal-UE 2015-2020, f'konformità mal-konklużjonijiet rilevanti tal-Kunsill Ewropew u tal-Kunsill;
2. JISSOTTOLINJA r-rwol tal-UE fil-promozzjoni ta' multilateraliżmu marittimu u l-istat tad-dritt fuq il-baħar, l-applikazzjoni universali tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar (UNCLOS); IFAKKAR fl-impenn tal-UE għal approċċ ibbażat fuq ir-regoli, kooperattiv u transsettorjali għat-titjib tal-governanza tal-oċeani fuq skala lokali, reġjonali u globali. F'dan ir-rigward, JENFASIZZA wkoll l-importanza tat-trawwim tal-implimentazzjoni tal-Aġenda dwar il-Governanza Internazzjonali tal-Oċeani għall-futur tal-oċeani tagħna, inkluż permezz tal-iżgurar tas-sigurtà marittima fl-Ewropa u fid-dinja;
3. Għal dan il-għan, JADOTTA l-Pjan ta' Azzjoni tal-EUMSS rivedut, biex jiżgura li r-rispons tal-politika jibqa' adatt għall-isfidi attwali u futuri f'konformità mal-prijoritajiet politiċi f'ambjent ta' sigurtà li qed jinbidel malajr, u fi ħdan oqfsa legali eżistenti, u b'kunsiderazzjoni tal-ħidma kontinwa fil-qasam tas-sigurtà u d-difiża, u l-leġislazzjoni, il-politiki u inizjattivi oħra tal-UE adottati reċentement;

4. IFAKKAR fl-importanza tal-kooperazzjoni fuq il-baħar u jhegħeġ il-promozzjoni kontinwa ta' ordni marittima bbażata fuq ir-regoli, kondiviżjoni ta' informazzjoni u appoġġ loġistiku reċiproku, skont il-każ, fil-kooperazzjoni mal-pajjiżi sħab rilevanti u ma' organizzazzjonijiet internazzjonali u reġjonali oħra, b'mod partikolari s-sistema tan-Nazzjonijiet Uniti (NU), inkluż l-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali (OMI), l-Organizzazzjoni tat-Trattat tal-Atlantiku tat-Tramuntana (NATO), l-Unjoni Afrikana (UA) u l-Assoċjazzjoni tan-Nazzjonijiet tax-Xlokk tal-Asja (ASEAN);
5. IFAKKAR fl-importanza tal-kondiviżjoni ta' informazzjoni dwar is-sigurtà marittima u dwar kwistjonijiet ta' sorveljanza fil-livell nazzjonali u dak tal-UE fis-setturi u l-fruntieri kollha, u, f'dan ir-rigward, JENFASIZZA l-importanza ta' implimentazzjoni rapida tal-Ambjent Komuni għall-Qsim tal-Informazzjoni (CISE) u l-ħtieġa li tkun żgurata s-sostenibbiltà tiegħu, abbażi tal-kollaborazzjoni ma' sistemi obligatorji eżistenti fid-dritt tal-Unjoni, u b'kont meħud tal-inizjattivi u n-netwerks volontarji eżistenti, kif ukoll tar-riżultati tal-proġett EUCISE2020;
6. IĦEĠĠEĠ impenn imġedded għas-sigurtà marittima permezz ta' approċċ reġjonali u JISSOTTOLINJA li, f'koordinazzjoni sħiħa mal-UEMSS, għandhom jiġu promossi strateġiji u politiki settorjali u reġjonali rilevanti oħra tal-UE, applikabbli għall-baċiri tal-baħar u l-baċiri ta' taħt il-baħar tal-UE (il-Baħar Mediterran, il-Baħar tat-Tramuntana, il-Baħar Adrijatiku, il-Baħar l-Iswed, il-Baħar Baltiku u l-Oċean Atlantiku) u l-ispace marittimi u l-punti kritiċi kondiviżi fil-qasam marittimu globali (l-Oċean Indjan, l-Oċean Atlantiku, l-Oċean Artiku u l-Oċean Paċifiku), b'mod partikolari fiż-żoni marittimi ta' interess strateġiku kbir (jiġifieri l-Qarn tal-Afrika/il-Baħar l-Aħmar, il-Baħar taċ-Ċina tan-Nofsinhar, il-Golf tal-Guinea u l-Baħar tal-Karibew);
7. IFAKKAR fl-importanza li tkun żgurata u msaħħa r-rabta bejn is-sigurtà interna u dik esterna billi jiġu indirizzati kif suppost it-theddid u l-isfidi fil-qasam marittimu, biex isir kontribut adegwat għall-benesseri u l-protezzjoni taċ-ċittadini tal-Unjoni Ewropea u biex ikunu mhegħġa t-tkabbir u l-iżvilupp tal-Unjoni, kif ukoll fl-importanza tar-rabta bejn is-sigurtà u l-iżvilupp biex ikun ukoll promoss l-iżvilupp sostenibbli għall-istati kostali;

8. JENFASIZZA l-benefiċċji li jirriżultaw minn kooperazzjoni transsettorjali u s-sinerġiji bejn atturi ċivili u militari, u JIPFROMWOVI t-tiżni ta' kooperazzjoni bejn l-aġenziji, fost l-oħrajn bejn il-PSDK u l-ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja;
9. JISSOTTOLINJA l-importanza li jkunu żgurati l-koerenza tal-politiki u l-isfruttar sħiħ tal-istrumenti u l-inizjattivi applikabbli kollha tal-UE fir-rigward tal-iżvilupp tal-kapaċitajiet li l-Istati Membri għandhom bżonn fil-qasam marittimu, inkluż il-Pjan ta' Żvilupp tal-Kapaċità Ċivili (CCDP) futur, kif ukoll il-Pjan ta' Żvilupp tal-Kapaċitajiet (CDP), ir-Rieżami Annwali Koordinat dwar id-Difiża (CARD), il-Kooperazzjoni Strutturata Permanenti (PESCO) u proġetti rilevanti bħal dwar il-Mobbiltà Militari; f'dan ir-rigward IFAKKAR fl-importanza tal-Fond Ewropew għad-Difiża, il-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd (FEMS) u l-Fond għall-Asil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni (AMIF);
10. JAPPOĠĠA l-implimentazzjoni tal-aġenda tar-riċerka dwar is-sigurtà marittima ċivili-militari koordinata u l-iżvilupp ta' kapaċitajiet ta' sorveljanza marittima interoperabbli f'konformità mal-Pjan ta' Azzjoni Ewropew għad-Difiża;
11. JISSOTTOLINJA li għandha tiġi żgurata koordinazzjoni aħjar fl-implimentazzjoni tal-istrateġiji u l-politiki tal-UE b'objettivi trasversali bħal dawk fl-oqsma tal-enerġija, l-ambjent u theddid u sfidi għas-sigurtà, inkluż theddid kimiku, bijoloġiku, radjoloġiku u nukleari (CBRN), theddid ċibernetiku u ibridu, terroriżmu u kriminalità organizzata, traffikar ta' bnedmin u faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' persuni; JENFASIZZA n-natura li qed tinbidel tat-theddid fil-qasam marittimu u JAPPELLA għal impenn imġedded għall-protezzjoni ta' infrastruttura marittima kritika, inkluż infrastruttura ta' taħt l-ilma, u b'mod partikolari t-trasport marittimu, l-enerġija u l-infrastruttura tal-komunikazzjoni, fost l-oħrajn billi tittejjeb is-sensibbiltà marittima permezz ta' interoperabbiltà aħjar u skambju ta' informazzjoni ssimplifikat (obbligatorju u volontarju);

12. JENFASIZZA li għandha tingħata attenzjoni partikolari lit-tisħiħ tal-kapaċitajiet u tar-reżiljenza fil-qasam tas-sigurtà marittima, lill-iżvilupp tal-kapaċitajiet, it-trawwim tal-edukazzjoni, l-istimolu tar-riċerka u tal-innovazzjoni fil-qasam tas-sigurtà marittima, kif ukoll lil kultura aħjar ta' sigurtà marittima tal-UE għall-kondiviżjoni tat-tagħlimiet meħuda;
13. F'dan ir-rigward, IFAKKAR ukoll fl-importanza li jiġu indirizzati l-aspetti tal-gwardja tal-kosta tas-sigurtà marittima permezz tal-promozzjoni ta' sinerġiji bejn l-atturi ċivili u dawk militari li jwettqu funzjonijiet ta' gwardja tal-kosta u JĦEĠĠEĠ lill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta (EBCGA), lill-Aġenzija Ewropea għall-Kontroll tas-Sajd (EFCA) u lill-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima (EMSA) biex ikomplu japprofondixxu l-koooperazzjoni bejn l-aġenziji tagħhom f'dan il-qasam, u meta jkun il-każ anki ma' aġenziji oħra tal-UE;
14. JAPPELLA lill-atturi implimentattivi kollha, b'mod partikolari l-Istati Membri, il-Kummissjoni u r-Rappreżentant Għoli, li taġixxi wkoll bħala l-Kap tal-Aġenzija Ewropea għad-Difiża, biex jaħdmu mill-qrib flimkien u, fejn ikun il-każ, ma' korpi u aġenziji oħra tal-UE, b'mod partikolari l-EBCGA, l-EMSA u l-EFCA, sabiex tkun żgurata l-implimentazzjoni effettiva tal-Pjan ta' Azzjoni rivedut tal-EUMSS. Il-Pjan ta' Azzjoni għandu jkun soġġett għal rapporti u għal valutazzjoni tal-implimentazzjoni tiegħu fuq bażi regolari u, f'dan ir-rigward, għandu jkun rivedut kif xieraq.

STRATEĠIJA DWAR IS-SIGURTÀ MARITTIMA TAL-UNJONI EWROPEA (EUMSS) RIVEDUTA

PJAN TA' AZZJONI

Preambolu

Dan il-Pjan ta' Azzjoni jagħgorna u jirrevedi l-Pjan ta' Azzjoni tal-Istrateġija dwar is-Sigurtà Marittima tal-Unjoni Ewropea (EUMSS), bid-data tas-16 ta' Diċembru 2014¹. Bħala dokument ħaj, għandu l-għan li jinkisbu riżultati fir-rigward tal-EUMSS², billi jagħgorna u jissimplifika l-azzjonijiet eżistenti filwaqt li jippromwovi azzjonijiet ġodda f'konformità sħiħa mal-EUMSS u b'kunsiderazzjoni ta' inizjattivi u politiki relatati tal-UE li ġew stabbiliti. Huwa jirrifletti wkoll il-konklużjonijiet taż-żewġ rapporti ta' implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni tal-EUMSS³. Finalment, huwa jippromwovi proċess ta' rappurtar aktar iffokat biex jittejbu s-sensibbiltà u s-segwitu ta' attivitajiet ta' implimentazzjoni, inkluż permezz tal-identifikazzjoni ta' dawk responsabbli mill-implimentazzjoni.

Linji gwida ta' Implimentazzjoni

1. Il-Pjan ta' Azzjoni joperazzjonalizza l-EUMSS. Huwa bbażat fuq l-erba' prinċipji li ġejjin tal-EUMSS: a) approċċ transsettorjali (inkluż kooperazzjoni ċivili-ċivili, ċivili-militari u militari-militari); b) integrità funzjonali⁴; c) rispett għar-regoli u l-prinċipji; u d) multilateraliżmu marittimu, inkluż l-awtonomija fit-tehd tad-deċiżjonijiet tal-UE. Il-Pjan ta' Azzjoni jiġbor flimkien kemm aspetti interni kif ukoll dawk esterni tas-sigurtà marittima tal-Unjoni. Bil-ħsieb li tittejjeb is-sigurtà marittima globali, l-azzjonijiet previsti fil-Pjan ta' Azzjoni għandhom ukoll jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tal-Istrateġija Globali tal-UE⁵, l-Istrateġija ta' Sigurtà Interna mġedda tal-UE għall-2015-2020⁶, il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-Sigurtà Marittima Globali⁷, u l-Komunikazzjoni Konġunta dwar il-Governanza Internazzjonali tal-Oċeani⁸.

¹ 15658/14.

² 11205/14.

³ 10625/16 u 10398/1/17.

⁴ L-Istrateġija ma taffettwax il-kompetenzi rispettivi tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha fl-oqsma koperti. Hija wkoll mingħajr preġudizzju għall-kompetenzi, id-drittijiet sovrani u l-ġurisdizzjoni tal-Istati Membri fuq iż-żoni marittimi f'konformità mad-dritt internazzjonali rilevanti, inkluża l-UNCLOS. Il-Pjan ta' Azzjoni ma jżid l-ebda obbligu fuq l-Istati Membri, b'mod partikolari fir-rigward tal-kooperazzjoni ma' organizzazzjonijiet oħra jew il-parteċipazzjoni f'fora internazzjonali/reġjonali oħra.

⁵ 10715/16.

⁶ 9798/15.

⁷ 10238/17.

⁸ 14332/16.

2. Il-Pjan ta' Azzjoni jibni fuq strateġiji u politiki tas-sigurtà marittima settorjali u reġjonali rilevanti applikabbli għall-baċiri tal-ibħra tal-UE u żoni marittimi kondiviżi fil-qasam marittimu globali, kif ukoll fuq politiki rilevanti oħra tal-UE, bil-ħsieb li jkun affermat ir-rwol tal-UE bħala fornitur ta' sigurtà marittima globali. Il-promozzjoni tas-sigurtà marittima globali hija linja ta' xogħol ewlenija fl-implimentazzjoni tal-Istrateġija Globali tal-UE f'konformità mal-prinċipji tal-EUMSS.
3. Kif iddikjarat fil-EUMSS, il-Pjan ta' Azzjoni għandu l-għan li jikseb azzjonijiet transsettorjali b'mod komprensiv u koordinat, filwaqt li jintegra s-sigurtà marittima fil-politiki, l-istrateġiji u l-istrumenti tal-UE, f'konformità mal-Istrateġija ta' Sigurtà Interna tal-UE u politiki rilevanti oħra tal-UE.
4. Barra minn hekk, il-Pjan ta' Azzjoni jikkontribwixxi biex jinkiseb il-livell ta' ambizzjoni tal-UE fil-qasam tas-sigurtà u d-difiża u jqis l-Istrateġija Globali tal-UE u l-Pjan ta' Azzjoni Ewropew għad-Difiża (EDAP)⁹, u jimmira li jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tagħhom, skont il-każ.

Għal dan il-għan, l-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni għandha tesplora l-potenzjal sħiħ offrut mit-tliet inizjattivi separati iżda li jsaħħu lil xulxin tal-UE fil-qasam tad-difiża, ir-Rieżami Annwali Koordinat dwar id-Difiża (CARD), il-Kooperazzjoni Strutturata Permanenti (PESCO)¹⁰ bil-għan li jittejbu l-kapaċitajiet militari, id-disponibbiltà u l-l-istazzjonament tal-forzi fil-qasam marittimu, u b'kunsiderazzjoni tal-Fond Ewropew għad-Difiża, kemm jekk permezz tat-tieqa għar-riċerka tiegħu (Azzjoni Preparatorja dwar id-Difiża u r-Riċerka¹¹) kif ukoll jekk permezz tat-tieqa għall-kapaċitajiet tiegħu (Programm Ewropew għall-Iżvilupp fl-Industrija tad-Difiża).

B'mod simili, il-Pjan ta' Azzjoni ser ikun qed isaħħaħ b'mod reċiproku l-Patt dwar id-dimensjoni ċivili tal-PSDK, meta dan ikun miftiehem, u għandu rwol importanti biex jinkisbu l-għanijiet l-oħra tal-Istrateġija Globali tal-UE, b'mod partikolari l-Approċċ Integrat għall-konflitti u l-kriżijiet u r-reżiljenza tal-istati u s-soċjetajiet fil-viċinat tagħna.

⁹ 15160/16.

¹⁰ L-ewwel proġetti rilevanti tal-PESCO dwar Sistemi Marittimi (semi) Awtonomi għal Kontromiżuri kontra l-Mini (MAS MCM), Sorveljanza u Protezzjoni tal-Port u Marittima (HARMSPRO), Titjib tas-Sorveljanza Marittima, Mobbiltà Militari diġà inbdew.

¹¹ Proġett inizjali għal Dimostratur tat-Teknoloġija għal Għarfien Akbar tas-Sitwazzjoni f'Ambjent Navali (OĊEAN2020) diġà inbeda.

5. Il-Pjan ta' Azzjoni ġie żviluppat u ppjanat biex jieħu kont tas-sett komuni ta' proposti approvati mill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tad-Dikjarazzjoni Konġunta mill-President tal-Kunsill Ewropew, il-President tal-Kummissjoni Ewropea, u s-Segretarju Ġenerali tal-Organizzazzjoni tat-Trattat tal-Atlantiku tat-Tramuntana u l-konklużjonijiet relatati tal-Kunsill¹², kif ukoll konklużjonijiet tal-Kunsill rilevanti oħra, b'mod partikolari l-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-progress fl-implimentazzjoni tal-Istrateġija Globali tal-UE fil-qasam tas-Sigurtà u d-Difiża¹³ u l-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-sigurtà u d-difiża fil-kuntest tal-Istrateġija Globali tal-UE¹⁴.
6. Il-Pjan ta' Azzjoni jimmira, b'mod partikolari, li jsaħħaħ u jtejjeb il-kapaċitajiet tal-Istati Membri, tal-istituzzjonijiet u tal-aġenziji tal-UE biex jindirizzaw l-isfidi tas-sigurtà, fost l-oħrajn it-theddid ċibernetiku, ibridu, kimiku, bijoloġiku, radjoloġiku u nukleari (CBRN) u theddid terroristiku u li jtejjeb il-protezzjoni u r-reżiljenza tas-sistemi u l-infrastruttura marittimi. F'dan ir-rigward, għandhom jitqiesu l-politiki u l-inizjattivi rilevanti tal-UE.
7. L-arranġament ta' ħidma tripartitiku bejn l-Aġenzija Ewropea għall-Kontroll tas-Sajd (EFCA), l-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima (EMSA) u l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta (EBCGA) dwar kooperazzjoni Ewropea fil-funzjonijiet tal-gwardja tal-kosta qed jiġi kkunsidrat ukoll.
8. Il-Pjan ta' Azzjoni huwa konformi mal-organizzazzjoni interna tal-UE u l-Istati Membri u mal-kompetenzi tagħhom, kif ukoll mal-politiki u l-leġislazzjoni tagħhom, u jibni fuq inizjattivi mill-Istati Membri tal-UE u istituzzjonijiet, korpi u aġenziji rilevanti tal-UE¹⁵. Huwa implimentat minn kull Stat Membru u mill-UE, b'kont meħud tal-azzjonijiet attwali fil-livell nazzjonali, reġjonali, tal-UE u internazzjonali, bl-użu tar-riżorsi disponibbli u mingħajr ma jinħolqu strutturi ġodda jew jinbidlu proċeduri legali eżistenti.

¹² 15283/16 u 14802/17.

¹³ 6875/17.

¹⁴ 14190/17.

¹⁵ L-aġenziji tal-UE f'dan il-Pjan ta' Azzjoni huma daww identifikati bħala atturi taħt l-azzjonijiet differenti tal-Pjan ta' Azzjoni. Aġenziji rilevanti oħra tal-UE jistgħu jiġu wkoll mistiedna mill-Kummissjoni jew mill-Istati Membri biex jikkollaboraw fl-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni.

9. Il-Pjan ta' Azzjoni huwa maqsum f'żewġ partijiet. Il-Parti A hija ddedikata għal kwistjonijiet orizzontali, fejn huma indirizzati l-fergħat ta' ħidma identifikati fl-Istrateġija dwar is-Sigurtà Marittima tal-UE. Il-Parti B hija ddedikata għal kwistjonijiet marittimi reġjonali, li jindirizzaw il-ħtiġijiet speċifiċi ta' żoni marittimi ewlenin fl-Ewropa kollha u l-qasam marittimu globali. L-Istati Membri huma mħeġġa jikkondividu l-lezzjonijiet meħuda u l-aqwa prattiki fl-oqsma ta' ħila esperta jew ir-reġjuni rispettivi tagħhom, u huma mistiedna, fuq bażi volontarja, biex jieħdu f'idejhom bħala "promoturi" ("chefs de file") l-implimentazzjoni tal-azzjonijiet konkreti identifikati fil-Pjan ta' Azzjoni, f'konformità mal-prijoritajiet jew il-mandat nazzjonali tagħhom.
10. Dan huwa Pjan ta' Azzjoni rikorrenti soġġett għal implimentazzjoni u rieżami. Il-Grupp tal-Ħbieb tal-Presidenza għandu jiltaqa' tal-inqas darba kull semestru, biex jivvaluta l-progress fl-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni u biex jikkontribwixxi għall-forniment ta' gwida politika.
11. Ser jiġi pprovdut rappurtar regolari mir-Rappreżentant Għoli u l-Kummissjoni abbażi ta' kontributi mill-Istati Membri u l-aġenziji rilevanti. L-Istati Membri ser ikollhom għad-dispożizzjoni tagħhom għodda ta' rappurtar permanenti onlajn biex tiffaċilita r-rappurtar fuq bażi regolari.
12. Il-korpi preparatorji rilevanti tal-Kunsill huma mistiedna jappoġġaw u jinformaw il-ħidma tal-Grupp tal-Ħbieb tal-Presidenza skont ir-rwoli istituzzjonali u l-oqsma ta' ħila esperta tagħhom. Il-Gruppi ta' Ħidma tal-Kunsill huma mitluba jivvalutaw jekk u sa liema punt l-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni taqa' fi ħdan l-oqsma rispettivi ta' responsabbiltà tagħhom u jagħtu kontribut lill-Grupp tal-Ħbieb tal-Presidenza kif xieraq.
13. Il-Kummissjoni u r-Rappreżentant Għoli, li taġixxi wkoll bħala l-Kap tal-Aġenzija Ewropea għad-Difiża, ser jassiguraw b'mod konġunt is-segwitu ta' dan il-Pjan ta' Azzjoni permezz tal-korpi ta' ħidma u l-gruppi esperti rilevanti.

Nru tal-azzjoni	Azzjoni	Mexxej Ewlieni/Orizzont
PARTI A. AZZJONIJIET ORIZZONTALI		
SENSIBILIZZAZZJONI TAL-EUMSS		
0.1	Kontribut għall-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni u l-politika ta' sigurtà marittima ġenerali tal-UE permezz ta' avvenimenti dedikati dwar is-sigurtà marittima bħal seminars, workshops u konferenzi, inkluż azzjonijiet żviluppati fil-qafas tal-istrategġiji Ewropej dwar il-baċir tal-baħar, l-Istrategġija għall-Golf tal-Guinea u l-Qafas Strateġiku għall-Qarn tal-Afrika fil-livell nazzjonali u dak tal-UE, u azzjonijiet dedikati minn promoturi voluntiera.	SM, COM, SEAE, EDA, EBCGA, EFCA, EMSA
KOOPERAZZJONI INTERNAZZJONALI		
A.1.1	Integrazzjoni tas-sigurtà marittima fl-aġendi tal-laqgħat bilaterali ma' pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali, u evitar ta' duplikazzjoni ta' linji ta' ħidma fil-promozzjoni ta' multilateraliżmu marittimu effettiv permezz ta' djalogi u kooperazzjoni strateġiċi dwar is-sigurtà marittima ma' organizzazzjonijiet internazzjonali u reġjonali rilevanti (eż. is-sistema tan-Nazzjonijiet Uniti (NU), inkluż permezz tas-Sħubija Strateġika bejn in-NU u l-UE, l-Organizzazzjoni tat-Trattat tal-Atlantiku tat-Tramuntana (NATO), l-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa (OSKE), l-Organizzazzjoni għall-Projbizzjoni ta' Armi Kimiċi (OPCW), l-Assoċjazzjoni tan-Nazzjonijiet tax-Xlokk tal-Asja (ASEAN), l-Unjoni Afrikana (UA), il-Kunsill ta' Kooperazzjoni tal-Golf (GCC), l-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali (IMO), l-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO), l-Organizzazzjoni Internazzjonali ta' Pulizija Kriminali (INTERPOL) u l-Uffiċċju tan-Nazzjonijiet Uniti kontra d-Droga u l-Kriminalità (UNODC), kif ukoll ma' pajjiżi terzi, u, fejn xieraq, mas-soċjetà ċivili u s-settur privat.	SM, COM, SEAE
A.1.2	Promozzjoni tar-rabtiet bejn is-sigurtà marittima u l-iżvilupp, fost l-oħrajn fil-qafas tal-governanza tal-oċean u tal-għanijiet ta' żvilupp sostenibbli, inkluż fil-kuntest tal-Konferenza "L-Oċean Tagħna" u tal-Konferenza tan-NU dwar l-Oċean, f'konformità mal-impenji ppreżentati fihom s'issa, pereżempju, billi jiġu kkunsidrati l-effetti destabilizzanti potenzjali tat-tibdil fil-klima u d-degradazzjoni ambjentali bħala multiplikaturi tar-riskji.	SM, COM, SEAE

Nru tal-azzjoni	Azzjoni	Mexxej Ewlieni/Orizzont
A.1.3	Il-promozzjoni tal-iffirmar u r-ratifika tal-Ftehimiet, Konvenzjonijiet u strumenti mhux vinkolanti internazzjonali, reġjonali u bilaterali rilevanti relatati mas-sigurtà marittima, u l-appoġġ u l-għajnuna għall-implimentazzjoni tal-Kodiċi Internazzjonali dwar is-Sigurtà tal-Vapuri u tal-Faċilitajiet tal-Portijiet (ISPS) u regolamenti rilevanti tal-IMO għall-promozzjoni tal-funzjonijiet tal-kontroll tas-sigurtà tal-portijiet.	SM, COM, SEAE
A.1.4	Il-promozzjoni tal-parteċipazzjoni universali fil-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar (UNCLOS), u l-mekkaniżmi għas-soluzzjoni tat-tilwim tagħha, inkluż it-Tribunal Internazzjonali għal-Liġi tal-Baħar (ITLOS), l-insistenza għal konformità dinjija mar-regoli tal-UNCLOS fil-qafas tad-djalogi politiċi tal-UE ma' pajjiżi terzi u ma' organizzazzjonijiet reġjonali u fil-laqgħat u n-negozjati mal-pajjiżi kandidati u l-promozzjoni tal-kondiviżjoni tal-aqwa prattiki, il-lezzjonijiet meħuda u miżuri għall-bini tal-fiduċja fil-qasam tal-Liġi tal-Baħar.	SM, COM, SEAE
A.1.5	L-iżgurar tal-konsistenza mar-rabta bejn is-sigurtà interna u dik esterna fil-politiki tal-UE kollha għall-prevenzjoni u t-tfixkil effettivi tan-netwerks ta' Kriminalità Organizzata transnazzjonali kif ukoll ta' attivitajiet illegali oħra fir-rigward tal-infrastruttura, it-trasport, l-impjiegi u r-riżorsi fil-qasam marittimu. Appoġġ għall-għieda kontra t-terroriżmu. F'dak ir-rigward, tittejjeb ulterjorment il-kapaċità tal-missjonijiet u l-operazzjonijiet tal-PSDK biex ikunu inklużi u protetti b'mod adegwat l-interessi strateġiċi tas-sigurtà marittima tal-UE, b'mod partikolari, f'dan l-istadju, EUNAVFOR Med Sophia u EUNAVFOR Atalanta.	SM, COM, SEAE, EBCGA, EFCA, EMSA, EUROPOL Sal-2020
A.1.6	It-titjib tal-kooperazzjoni man-NATO fi ħdan il-qafas tas-sett komuni ta' proposti approvati miż-żewġ organizzazzjonijiet biex tiġi avvanzata l-kooperazzjoni UE-NATO, inkluża l-kooperazzjoni operattiva dwar kwistjonijiet marittimi, fejn tiġi implimentata d-Dikjarazzjoni Konġunta mill-President tal-Kunsill Ewropew, il-President tal-Kummissjoni Ewropea, u s-Segretarju Ġenerali tal-Organizzazzjoni tat-Trattat tal-Atlantiku tat-Tramuntana u abbażi tal-prinċipji approvati mill-Kunsill fis-6 ta' Diċembru 2016 u l-5 ta' Diċembru 2017.	SM, COM, SEAE, EDA

Nru tal-azzjoni	Azzjoni	Mexxej Ewlieni/Orizzont
A.1.7	Bi tkompli fuq il-kooperazzjoni eżistenti fil-livell tal-UE, jitwettaq b'mod koordinat it-tisħiħ tal-kapaċità fil-qasam tas-sigurtà marittima, inkluż attivitajiet ta' edukazzjoni u taħriġ, ma' pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet reġjonali, bl-involviment tas-sħab soċjali kull meta dan ikun rilevanti. Jittejbu l-kapaċitajiet tagħhom fl-oqsma tal-governanza marittima u l-istat tad-dritt, inkluż il-ġustizzja kriminali u l-infurzar tal-liġi marittima amministrattiva; tissaħħaħ is-sigurtà tal-portijiet u tat-trasport marittimu; jiġi miġġieled is-sajd illegali, mhux rapportat u mhux regolat (IUU); tiġi promossa l-ġlieda kontra l-isfruttament illegali tar-riżorsi naturali u l-attivitajiet illegali fl-ibħra internazzjonali; jitjieb il-kontroll tal-fruntieri bl-użu tal-funzjonijiet tal-gwardja tal-kosta, jiġi miġġieled it-traffikar ta' bnedmin u l-faċilitazzjoni ta' immigrazzjoni illegali, inkluż permezz tal-monitoraġġ ta' rotot marittimi possibbli, xogħol furzat, u abbużi gravi oħra relatati max-xogħol fuq il-baħar. Għandu jsir użu sħiħ mill-appoġġ provdut mill-aġenziji rilevanti tal-UE u l-istrumenti tal-UE f'dak ir-rigward (eż. l-IcSP, l-ENI, il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp).	SM, COM, SEAE, EBCGA, EFCA, EMSA, EUROPOL
A 1.8	Il-promozzjoni tat-Tisħiħ tal-Kapaċitajiet għas-Sigurtà u l-Iżvilupp (CBSD) sabiex jissaħħu l-kapaċitajiet tal-atturi ċivili u militari fil-pajjiżi sħab fil-qasam marittimu, fil-kuntest ta' proċess ta' riforma tas-settur tas-sigurtà aktar wiesa' jew tisħiħ tal-kapaċitajiet għas-sigurtà u l-iżvilupp għal pajjiżi terzi, f'konformità mal-oġettiv globali tal-kisba ta' żvilupp sostenibbli, bħala mezz ta' għajjuna biex jerġa' jkun hemm is-sigurtà u jiġu protetti ċ-ċivili u l-interessi ċivili f'żoni f'konflitt jew wara konflitt filwaqt li jiżiedu l-kapaċitajiet tal-atturi militari fejn ikun meħtieġ, b'kontribut għall-ħolqien ta' soċjetajiet paċifiċi, demokratiċi u inklużivi, żvilupp sostenibbli u l-istat tad-dritt.	COM, SEAE Sal-2020
A.1.9	It-tisħiħ tad-dimensjoni tas-sigurtà marittima fis-sħubijiet tal-PSDK ma' pajjiżi terzi, bil-ħsieb li tiżdied il-parteċipazzjoni ta' pajjiżi terzi fil-missjonijiet u l-operazzjonijiet tal-PSDK fejn ikun il-każ, skont il-mandat ta' kull missjoni jew operazzjoni u fi ħdan il-qafas legali eżistenti.	SM, SEAE Sal-2020
A.1.10	It-tisħiħ tal-ħila esperta tal-kapaċità ċivili u tal-kapaċità militari tal-ippjanar u t-tmexxija tal-UE (MPCC u CPCC) dwar il-kwistjonijiet ta' sigurtà marittima, inkluż permezz tal-promozzjoni tal-kooperazzjoni u l-iżvilupp ta' sinerġiji mal-Istati Membri.	SM, SEAE
A.1.11	It-titjib tal-kooperazzjoni u l-kondiviżjoni tal-informazzjoni bejn il-missjonijiet u l-operazzjonijiet tal-PSDK u l-aġenziji tal-ĠAI fi ħdan il-qafas legali eżistenti, inkluż azzjonijiet biex jiġi żviluppat proġett pilota għal ċellola ta' informazzjoni kriminali li għandha tkun fi ħdan EUNAVFOR Med SOPHIA biex tidentifika sfidi u opportunitajiet għall-iskambju ta' informazzjoni bejn EUNAVFOR Med SOPHIA u l-aġenziji tal-ĠAI.	SM, COM, SEAE, EBCGA

Nru tal-azzjoni	Azzjoni	Mexxej Ewlieni/Orizzont
GħARFIEN MARITTIMU		
A.2.1	Il-promozzjoni ta' reġim koerenti għal sorveljanza marittima mal-UE kollha permezz tat-trawwim ta' kumplimentarjetà aħjar tal-iskambju ta' informazzjoni bejn l-aġenziji tal-UE, bejn l-aġenziji tal-UE u l-awtoritajiet tal-Istati Membri, u bejn l-awtoritajiet tal-Istati Membri stess. Dan ir-reġim għandu jkun mibni fuq sistemi obbligatorji eżistenti fil-liġi tal-Unjoni u inizjattivi volontarji bħall-Ambjent Komuni għall-Qsim tal-Informazzjoni (CISE), u għandu jkun konformi mal-qafas legali rilevanti, inkluż id-Direttiva dwar is-sigurtà tan-netwerks u tas-sistemi tal-informazzjoni (Direttiva NIS).	SM, COM, SEAE, EBCGA, EFCA, EMSA, SatCen Sal-2020
A.2.2	Il-promozzjoni u l-implimentazzjoni sal-2020 tal-Ambjent Komuni għall-Qsim tal-Informazzjoni (CISE), fejn tkun possibbli li jitjiebu l-interkonnessjoni u l-iskambju ta' informazzjoni klassifikata u mhux klassifikata bejn l-awtoritajiet ċivili u militari, bejn settur u ieħor u minn fruntiera għall-oħra, f'konformità mas-sistemi obbligatorji eżistenti tal-UE u b'kont meħud tal-inizjattivi volontarji, settorjali u transfruntiera. L-appoġġ f'dak ir-rigward tal-adozzjoni u l-konsolidazzjoni neċessarji tas-CISE fil-livell tal-UE u tal-Istati Membri, b'kont meħud, skont il-każ, ta' soluzzjonijiet ta' interoperabbiltà u tan-netwerk għall-kondiviżjoni tal-informazzjoni ttestjati fil-proġett ta' Validazzjoni Pre-Operattiva EUCISE2020, u inkluż perjodu ta' transizzjoni potenzjali.	SM, COM, SEAE, EDA, EBCGA, EFCA, EMSA, SatCen Sal-2020

Nru tal-azzjoni	Azzjoni	Mexxej Ewlieni/Orizzont
A.2.3	L-implimentazzjoni tal-qafas leġislativ ta' kooperazzjoni bejn l-aġenziji dwar il-funzjonijiet tal-gwardja tal-kosta, f'kollaborazzjoni b'mod partikolari mal-awtoritajiet tal-Istati Membri u aġenziji oħra tal-UE, fejn ikun il-każ u skont il-mandati riveduti tal-EBCGA/Frontex, l-EMSA u l-EFCA, bil-għan li jitravmu kooperazzjoni u sinerġiji fost l-oħrajn dwar l-iskambju ta' informazzjoni, it-taħriġ u l-edukazzjoni, u r-riċerka u t-teknoloġija, kif ukoll biex tittejjeb l-effiċjenza tal-appoġġ provdut mill-aġenziji tal-UE lill-awtoritajiet tal-Istati Membri li jkunu qed iwettqu funzjonijiet ta' gwardja tal-kosta fil-livell nazzjonali.	SM, COM, EDA, EBCGA, EFCA, EMSA
A.2.4	Il-promozzjoni tal-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' ċentri operattivi jew ta' mezzi u modalitajiet għall-iskambju ta' informazzjoni fil-qasam tas-sigurtà marittima biex tittejjeb il-koordinazzjoni bejn il-partijiet ikkonċernati marittimi u militari, fil-livell nazzjonali u dak tal-UE, fir-rigward tal-kondiviżjoni ta' informazzjoni, b'kont meħud tat-taqsima III (b) tal-EUMSS u li tiġi evitata d-duplikazzjoni ma' mekkaniżmi eżistenti.	SM, COM
A.2.5	Appoġġ għall-istabbiliment ta' stampa komprensiva tas-sitwazzjoni marittima fil-livell nazzjonali u dak tal-UE billi titrawwem l-interkonnessjoni bejn is-sistemi ta' sorveljanza nazzjonali eżistenti differenti, inkluż permezz tal-proġett CISE, bl-użu sħiħ tal-kapaċità offruta mill-Programm Ewropew ta' Osservazzjoni tad-Dinja (Copernicus), GALILEO u EGNOS (Sistema Ewropea ta' Navigazzjoni b'Kopertura Ġeostazzjonarja) u billi jittejjbu s-servizzi attwali tagħhom f'konformità mal-ħtiġijiet u r-rekwiżiti miftehma mill-awtoritajiet rilevanti, flimkien mal-iżvilupp ta' sistema ta' sorveljanza tal-ispazju dedikata b'kont meħud tal-ħidma tal-Aġenzija Spazjali Ewropea, taċ-Ċentru Satellitari tal-UE (SatCen) u tal-EMSA. It-tnedija ta' proġetti u inizjattivi rilevanti biex jiġu indirizzati lakuni fil-monitoraġġ tal-oqsma ta' interess marittimu tal-UE, inkluż f'pajjiżi terzi, u f'kooperazzjoni ma' sħab u organizzazzjonijiet internazzjonali.	SM, COM, EDA, SatCen, EMSA
A.2.6	It-tisħiħ tal-funzjonalità u r-rilevanza tas-Sistema Ewropea ta' Sorveljanza tal-Fruntieri (EUROSUR) billi l-awtoritajiet għall-kontroll tal-fruntieri rilevanti kollha responsabbli mis-sorveljanza marittima, kemm ċivili kif ukoll militari, tingħatalhom il-possibbiltà li jikkondividu informazzjoni permezz tat-tabelli tas-sitwazzjoni nazzjonali ta' EUROSUR u jappoġġaw proġetti ta' interoperabbiltà biex tkun evitata duplikazzjoni ta' informazzjoni f'sistemi differenti u jkun faċilitat l-aċċess operattiv għall-utenti ta' EUROSUR. It-tisħiħ tal-kooperazzjoni fuq bażi regolari permezz taċ-ċentri ta' koordinazzjoni nazzjonali ta' EUROSUR, sabiex jittejjeb l-għarfien tas-sitwazzjoni u tiżdied il-kapaċità ta' rispons għal theddid speċifiku fil-fruntieri esterni tal-Istati Membri.	SM, COM, EBCGA Sal-2020

Nru tal-azzjoni	Azzjoni	Mexxej Ewlieni/Orizzont
A.2.7	It-tisħiħ tal-funzjonalità u r-rilevanza ta' SafeSeaNet u sistemi rilevanti oħra ġestiti mill-EMSA biex l-appoġġ tagħha jiġi estiż ulterjorment għall-awtoritajiet ċivili u militari rilevanti kollha responsabbli milli jiżguraw is-sigurtà fuq il-baħar.	SM, COM, EMSA
A.2.8	It-tisħiħ tal-funzjonalità u r-rilevanza tas-sistemi ta' monitoraġġ tas-sajd u ta' rappurtaġġ dwar is-sajd ġestiti mill-EFCA, biex l-awtoritajiet ċivili u militari rilevanti kollha responsabbli mill-kontroll tas-sajd ikunu appoġġati aħjar u meġħuna f'kompiti komplimentari relatati mal-kontroll tas-sigurtà marittima fi ħdan il-kompetenza tal-EFCA.	SM, COM, EFCA
A.2.9	It-tkomplija ta' teknoloġija bbażata fuq l-ispazju b'applikazzjonijiet ta' Sistemi ta' Inġenji tal-Ajru ppilotati mill-Bogħod (RPAS) kif ukoll b'sistemi tar-rappurtaġġ tal-bastimenti, infrastruttura (stazzjonijiet tar-radar) <i>in situ</i> u għodda ta' sorveljanza oħra, permezz ta' għodda ċibernetika innovattiva biex tkun żgurata stampa komprensiva globali u aktar effettiva tas-sitwazzjoni marittima, fejn tiġi evitata d-duplikazzjoni mal-programm Copernicus.	SM, COM, SEAE, EDA, EBCGA, EFCA, EMSA Sal-2020
A.2.10	It-titjib ulterjuri tan-Netwerk ta' Sorveljanza Marittima (MARSUR) b'appoġġ ta' operazzjonijiet u missjonijiet tal-PSDK u inizjattivi rilevanti oħra, u l-promozzjoni ta' inizjattivi u azzjonijiet tal-UE u tal-Istati Membri li għandhom l-għan li jtejbju l-istampa globali tas-sitwazzjoni marittima, bħal CISE, f'koordinazzjoni mill-qrib mal-SEAE, il-Kummissjoni u aġenziji rilevanti tal-UE.	SM, SEAE, EDA, EBCGA, EFCA, EMSA Sal-2020
A.2.11	It-titjib tal-iskambju tad-data u l-interoperabbiltà tas-sistemi ta' sorveljanza tal-UE ma' sistemi promossi mill-Programm tar-Rotot Marittimi Kritiċi tal-UE u l-Programm tas-Sigurtà Marittima (MASE), u l-esplorazzjoni ta' modi biex titjeb il-kondiviżjoni tal-informazzjoni mas-sħab rilevanti, fejn xieraq.	SM, COM, SEAE, EDA, EBCGA, EFCA, EMSA Sal-2020
A.2.12	Fuq bażi volontarja u f'konformità mar-regoli applikabbli, tiġi kondiviża informazzjoni, kemm klassifikata kif ukoll mhux klassifikata, ma' organizzazzjonijiet internazzjonali bħan-NU, l-INTERPOL, kif ukoll in-NATO, f'konformità mas-sett komuni ta' proposti maqbul ¹⁶ , b'kontribut għal għarfien tas-sitwazzjoni marittima akbar. F'dan ir-rigward, għandha titkompla ħidma fuq is-suċċess taċ-Ċentru ta' Sigurtà Marittima għall-Qarn tal-Afrika (MSCHOA), kif ukoll ix-SHADE u x-SHADE MED.	SM, COM, SEAE, EBCGA, EFCA, EMSA, SatCen Sal-2020

¹⁶ 15283/16 u 14802/17.

Nru tal-azzjoni	Azzjoni	Mexxej Ewlieni/Orizzont
ŻVILUPP TAL-KAPAĊITAJIET, RIĊERKA U INNOVAZZJONI		
A.3.1	It-tkomplija fuq u l-investigazzjoni ta' sinerġiji mas-settur ċivili, fl-implimentazzjoni tal-prijoritajiet tal-Pjan ta' Żvilupp tal-Kapaċitajiet relatati mal-kapaċitajiet tad-difiża; permezz tal-armonizzazzjoni tar-rekwiżiti u l-promozzjoni tas-sinerġiji, skont il-każ, fl-iżvilupp ta' kapaċitajiet polivalenti.	SM, SEAE, EDA
A.3.2	Il-massimizzazzjoni tal-koordinazzjoni u l-komplementarjetà bejn il-programmi tal-EDA u l-eżitu ta' programmi ta' riċerka ffinanzjati mill-UE f'oqsma ta' teknoloġiji b'użu doppju, u l-applikazzjoni tagħhom għall-iżvilupp ta' kapaċitajiet polivalenti.	SM, COM, SEAE, EDA Sal-2020
A.3.3	It-tkomplija tal-aġenda transsettorjali għar-riċerka fis-sigurtà marittima permezz tal-immobilizzar tan-netwerk ta' esperti involuti fiha u ta' atturi rilevanti oħra f'attivitajiet relatati mar-riċerka u l-innovazzjoni biex din l-aġenda tkompli tiġi żviluppata u aġġornata ulterjorment u biex jiġu promossi s-sinerġiji fost l-isforzi nazzjonali, multinazzjonali u dak iffinanzjati mill-UE relatati mal-iżvilupp ta' teknoloġiji b'użu doppju li jikkontribwixxu għall-iżvilupp tal-kapaċitajiet ta' sigurtà marittima. Iċ-ċentri ta' riċerka nazzjonali u internazzjonali, l-awtoritajiet marittimi u l-aġenziji tal-UE għandhom jiġu involuti, sabiex l-attivitajiet ta' riċerka jkunu jistgħu jiġu allinjati aħjar mar-rekwiżiti tal-utenti u l-problema tal-frammentazzjoni tad-domanda għas-sigurtà fil-livell tal-UE fost il-fornituri Ewropej tkun tista' tingħeleb.	SM, COM, SEAE, EDA Sal-2020
A.3.4	L-appoġġ għall-iżvilupp ta' teknoloġiji kritiċi u kapaċitajiet industrijali, inkluż teknoloġiji relatati mal-ispazju, meħtieġa b'appoġġ għall-kapaċitajiet marittimi futuri; dan ser jinvolvi wkoll il-prijoritizzazzjoni tal-ħidma mwettqa mill-Istati Membri fi ħdan inizjattivi żviluppati wkoll permezz tal-Aġenda Strateġika Globali għar-Riċerka (OSRA) u l-Attivitajiet Strateġiċi Ewlenin (KSA).	SM, COM, SEAE, EDA Sal-2020
A.3.5	Il-promozzjoni tal-użu ta' assi polivalenti biex jitwettqu missjonijiet ta' sorveljanza konġunti u operazzjonijiet polivalenti li jkopru diversi funzjonijiet tal-gwardja tal-kosta. F'dan il-qafas, il-kooperazzjoni fost l-aġenziji tal-UE fir-rigward tal-funzjonijiet tal-gwardja tal-kosta għandha tiġi implimentata ulterjorment, skont l-UNCLOS u, fejn applikabbli, regoli tal-UE bħall-Politika Komuni tas-Sajd (PKS) u r-regolamenti dwar il-kontroll.	SM, COM, EBCGA, EFCA, EMSA

Nru tal-azzjoni	Azzjoni	Mexxej Ewlieni/Orizzont
A.3.6	Isir l-aħjar użu mis-servizzi provduti miċ-Ċentru Satellitari tal-UE (SatCen) u l-EMSA għall-qasam tas-sigurtà marittima fost l-oħrajn b'appoġġ għall-missjonijiet u operazzjonijiet tal-PSDK (b'mod partikolari permezz tas-servizz ta' sigurtà tal-Appoġġ għall-Azzjoni Esterna (SEA)), inkluż, fejn ikun il-każ, ir-rwol tal-Mibgħut Speċjali tal-UE għall-Ispazju għall-promozzjoni ta' SatCen u prodotti tal-ispazju Ewropej rilevanti oħra.	SM, SEAE, EMSA, SatCen
A.3.7	B'kont meħud tal-ħidma eżistenti, b'mod attiv jiġu identifikati u promossi oqsma fejn l-istandardizzazzjoni u ċ-ċertifikazzjoni jistgħu jtejjbu l-effiċjenza u jnaqqsu l-ispiża tal-kapaċitajiet marittimi billi jippermettu, fost l-oħrajn, manutenzjoni ta' assi, eżerċizzji u taħriġ transnazzjonali pprovdut lill-persunal tal-manutenzjoni.	SM, COM, SEAE, EDA Sal-2020
A.3.8	It-titjib tal-integrazzjoni ta' dimensjoni ta' ċibersigurtà fil-qasam marittimu f'termini ta' kapaċitajiet, riċerka u teknoloġija u industrija, bi tkompli fuq il-koordinazzjoni u s-sinerġiji ċivili-militari mal-politiki ċibernetiċi tal-UE relatati kemm mas-sigurtà ċibernetika kif ukoll mad-difiża ċibernetika, f'konformità mad-Direttiva NIS u ma' rakkomandazzjonijiet u regolamenti internazzjonali bħal SOLAS XI-2 u l-Kodiċi ISPS u l-aġġornamenti futuri tagħhom. Dan ser jinkludi l-iskambju tal-aqwa prattiki u l-iżvilupp ta' proġetti konġunti mill-Istati Membri tal-UE dwar il-prevenzjoni ta' attacchi ċibernetiċi marittimi.	SM, COM, SEAE, EDA
A.3.9	Il-promozzjoni ta' inizjattivi tal-Istati Membri fil-qasam marittimu mmirati lejn it-titjib tal-effiċjenza enerġetika, it-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gass b'effett ta' serra u l-użu ta' teknoloġiji ta' enerġija rinnovabbli, f'konformità mal-miri 2030 enfasizzati fil-qafas tal-klima u l-enerġija u sal-punt rilevanti għas-settur tat-tbaħħir, f'konformità mal-istrateġija inizjali tal-IMO dwar it-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gass b'effett ta' serra mill-bastimenti.	SM, COM, SEAE, EDA Sal-2020
A.3.10	Sabiex tiġi żgurata l-kompetittività tal-industrija inġenerali, għandu jiġi evalwat il-mod kif jiġi promoss qafas ta' abilitazzjoni għal industrija ċivili/militari relatata mal-bini tal-bastimenti u attivitajiet rilevanti, inkluż modi biex tkun promossa kooperazzjoni industrijali effiċjenti.	SM, COM, SEAE, EDA Sal-2020
A.3.11	Evalwazzjoni tal-adegwatezza kwantitattiva/kwalitattiva tal-assi attwalment disponibbli għall-missjonijiet tal-pattulji. L-identifikazzjoni tal-livell ottimali meħtieġ biex jiġu ffaċċati l-isfidi għas-sigurtà u t-theddid fuq il-baħar mistennija u, jekk ikun il-każ, jiġi evalwat kif tista' tiġi promossa skema ta' akkwist ta' prototip prekommerċjali, fuq it-talba tal-Istati Membri.	SM, COM, EBCGA, EFCA, EMSA

Nru tal-azzjoni	Azzjoni	Mexxej Ewlieni/Orizzont
A.3.12	Il-promozzjoni tal-użu ta' fondi nazzjonali u ta' Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej, f'konformità ma' strateġiji ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti, għall-promozzjoni tal-innovazzjoni u tar-R&T u r-R&Ż mal-bażi teknoloġika u industrijali marittima kollha, partikolarment l-SMEs, inkluż għan-negozji ġodda. Abbażi ta' regolamenti eżistenti, għandu jiġi esplorat kif jista' jiġi ffaċilitat l-aċċess għall-Fondi Ewropej rilevanti, inkluż Orizzont 2020 u Erasmus+, għal azzjonijiet previsti fi ħdan il-Pjan ta' Azzjoni preżenti, fejn xieraq.	SM, COM, SEAE, EDA Sal-2020
GħARFIEN U ĠESTJONI TAR-RISKJU		
A.4.1	It-titjib tar-reżiljenza globali ta' infrastruttura marittima kritika tal-UE fir-rigward ta' diżastri kkawżati mill-bniedem u diżastri naturali, tibdil fil-klima u sfidi u theddid għas-sigurtà, inkluż il-piraterija u s-serq bl-użu tal-armi fuq il-baħar, it-theddid ċibernetiku, ibridu u tas-CBRN u attakki terroristiċi potenzjali. Għal dan il-għan, għandha tiġi valutata u mtejbja r-reżiljenza tal-infrastruttura tat-trasport marittimu kritika, bħas-sigurtà fil-portijiet, il-linji ta' komunikazzjoni fuq il-baħar, l-infrastruttura tal-enerġija, installazzjonijiet lil hinn mill-kosta u networks tat-telekomunikazzjonijiet u sensuri (eż. kejbils), inkluż taħt l-ilma. B'mod partikolari, għandhom jiġu esplorati modi biex tittejjeb il-protezzjoni tal-ekwipaġġ, il-ħaddiema, il-passiġġieri u l-merkanzija fuq il-baħar, fuq laneċ, bastimenti tal-kruċieri u ro-ro kif ukoll infrastruttura marittima kritika, inkluż taħt il-baħar, minn dan it-theddid, f'konformità mal-qafas legali internazzjonali miftiehem.	SM, COM, SEAE, EDA Sal-2020
A.4.2	Il-promozzjoni tar-riċerka dwar il-protezzjoni tal-fruntieri u t-titjib ta' din il-protezzjoni fir-rigward tal-isfidi u t-theddid imsemmija f'A.4.1 filwaqt li jiġu avvanzati teknoloġiji fil-qasam tas-sigurtà tal-kontejners u l-analiżi kummerċjali għal merkanzija strateġika b'appoġġ għan-nonproliferazzjoni.	SM, COM, SEAE Sal-2020
A.4.3	L-insekwiment ta' approċċ komprensiv għall-ġestjoni tar-riskju għas-sigurtà marittima, b'mod partikolari billi ssir analiżi tar-riskju komuni u jiġu identifikati lakuni u sovrapożizzjonijiet possibbli f'dan il-qasam, filwaqt li jittieħed kont ukoll tat-theddid ċibernetiku u ibridu, l-isfidi relatati mal-klima u d-diżastri ambjentali marittimi.	COM, SEAE, EDA, EBCGA, EFCA, EMSA Sal-2020

Nru tal-azzjoni	Azzjoni	Mexxej Ewlieni/Orizzont
A.4.4	It-tisħiħ ulterjuri tal-kooperazzjoni Ewropea fir-rigward tal-funzjonijiet tal-gwardja tal-kosta, b'mod partikolari permezz ta' ħidma mal-awtoritajiet tal-Istati Membri u l-aġenziji tal-UE biex jitmexxa l-użu konġunt ta' mezzi u strumenti għall-ġestjoni tar-riskju. F'dan ir-rigward, titkompla l-promozzjoni tal-kooperazzjoni u d-djalogu permezz ta' fora internazzjonali u reġjonali rilevanti, bħal fora ta' kooperazzjoni tal-gwardja tal-kosta, u inizjattivi transsettorjali volontarji fil-qasam marittimu, kif ukoll ma' pajjiżi terzi u, fejn ikun il-każ, mal-partijiet ikkonċernati pubbliċi u privati, filwaqt li tkun żgurata l-kumplimentarjetà mal-azzjonijiet fil-livell tal-UE u tal-aġenziji tal-UE.	SM, COM, EDA, EBCGA, EFCA, EMSA
A.4.5	It-tisħiħ ulterjuri u l-kondiviżjoni ta' tekniki innovattivi ta' analiżi tar-riskju bbażati fuq informazzjoni, kif ukoll sorsi ta' data li attwalment mhumiex sfruttati, biex tittejjeb il-valutazzjoni tar-riskju u l-kapaċità ta' rispons fl-isfera tas-sigurtà marittima, anki bi tkomplija fuq il-proġett CISE.	COM, SEAE, EDA, EBCGA, EFCA, EMSA, SatCen Sal-2020
A.4.6	Il-valutazzjoni, fejn xieraq u meħtieġ, tal-possibbiltà ta' sistema ta' reġistru tal-ismijiet tal-passiġġieri għall-qasam marittimu Ewropew, b'kont meħud tal-qafas marittimu internazzjonali, Ewropew u nazzjonali rilevanti eżistenti u tal-kwistjonijiet relatati mal-protezzjoni tad-data.	SM, COM
A.4.7	It-titjib tal-konozzenza u l-informazzjoni oċeanografiċi, il-kondiviżjoni tad-data u l-kooperazzjoni, inkluż abbażi tan-Netwerk Ewropew ta' Osservazzjoni u Data Marittima (EMODNET) u f'kooperazzjoni ma' organizzazzjonijiet internazzjonali. Il-promozzjoni ta' programmi edukattivi u ta' taħriġ biex jittejjbu l-kapaċitajiet ta' previżjoni oċeanografika. It-titjib tal-kompetenzi u l-inizjattivi komuni fir-riċerka ta' taħt l-ilma.	SM, COM
A.4.8	L-iżvilupp ta' netwerk ta' esperti dwar iċ-ċibersigurtà u ċ-ċiberdifiża għall-qasam marittimu biex jiġu żviluppati linji gwida dwar proċeduri b'rispons għal theddid li qed jitfaċċa fil-qasam marittimu inklużi atti possibbli ta' terroriżmu u atti illegali intenzjonati fuq il-baħar, speċjalment fir-rigward tal-protezzjoni tal-bastimenti, it-tagħbijiet, l-ekwipaġġ u l-passiġġieri, il-portijiet u l-faċilitajiet tal-portijiet, l-installazzjonijiet tal-enerġija tal-baħar u infrastruttura marittima u tal-enerġija kritika oħra, f'konformità kemm mad-Direttiva NIS kif ukoll mal-Kodiċi ISPS. Il-ħidma żviluppata minn strutturi u korpi eżistenti (in-Netwerk tas-CSIRTs ta' ENISA u l-Grupp ta' Kooperazzjoni NIS) għandha wkoll tiġi meqjusa.	SM, COM, SEAE, EDA, EBCGA, EFCA, EMSA, ENISA, EUROPOL Sal-2020

Nru tal-azzjoni	Azzjoni	Mexxej Ewlieni/Orizzont
A.4.9	Sforz biex tiġi żgurata t-trasportazzjoni marittima mingħajr periklu ta' merkanzija perikoluża fl-ilmijiet li jmissu mal-ilmijiet territorjali tal-Istati Membri tal-UE u jiġi mhegġegħ l-iżvilupp ta' pjanijiet ta' kontinġenza u ta' rispons, kif ukoll il-kondiviżjoni tal-aqwa prattiki fl-oqsma rilevanti għall-protezzjoni ta' infrastruttura marittima kritika, inkluż networks tat-telekomunikazzjonijiet u sensuri u installazzjonijiet lil hinn mill-kosta, u ta' linji ta' komunikazzjoni tal-baħar, filwaqt li jittieħed vantaġġ mill-għodda u l-istrumenti eżistenti ta' għarfien tas-sitwazzjoni marittima u teknoloġiji tal-ispazju li qed jitfaċċaw għal applikazzjonijiet marittimi.	SM, COM, SEAE, EDA, EBCGA, EFCA, EMSA Sal-2020
A.4.10	L-iżgurar ta' sinerġiji transsettorjali fir-rigward tal-mobbiltà militari tal-persunal u tal-assi tal-Istati Membri f'missjonijiet u operazzjonijiet marittimi rilevanti, kif ukoll f'eżerċizzji, taħriġ, moviment u trasportazzjoni ta' kuljum ¹⁷ , b'kont meħud tal-impenji meħuda permezz tal-Kooperazzjoni Strutturata Permanenti, kif ukoll il-proposti fil-Pjan ta' Azzjoni dwar il-Mobbiltà Militari.	SM, COM, SEAE, EDA
A.4.11	L-ottimizzazzjoni tat-timijiet ta' rispons ċivili-militari marittimi tal-UE għal assistenza umanitarja/għajnuna f'każ ta' diżastru (HA/DR) u l-assi ċivili u militari tal-Istati Membri, fuq bażi volontarja u skont il-każ, bħala kontribut għall-operazzjonijiet ta' rispons ta' HA/DR koordinati mill-UE. Il-kunsiderazzjoni tal-organizzazzjoni ta' eżerċizzji perjodiċi biex tkun żgurata l-effikaċja tal-istrument u l-promozzjoni tat-taħriġ fil-politika tal-eżerċizzji ġenerali tal-UE.	SM, COM
A.4.12	L-iżvilupp tal-kapaċità li jkun provdut appoġġ rapidu għall-valutazzjoni ambjentali lill-istrutturi ta' sigurtà u ta' difiża tal-Istati Membri, l-aġenziji tal-UE u l-missjonijiet u l-operazzjonijiet tal-PSDK billi titrawwem il-kooperazzjoni fil-livell nazzjonali u tal-UE bejn istituti meteoroloġiċi u oċeanografiċi, bi sfruttament sħiħ tal-kapaċità u l-għarfien tagħhom u b'inkoraġġiment ta' avvanz i innovattivi fil-qasam.	SM, COM, SEAE Sal-2020
A.4.13	It-trawwim ta' kooperazzjoni bejn l-aġenziji/l-awtoritajiet marittimi tal-UE u tal-Istati Membri u aġenziji/awtoritajiet tal-Istati Membri rilevanti oħra biex jiġi faċilitat rispons rapidu u effettiv għal sfidi u theddid għas-sigurtà marittima, billi jsiru eżerċizzji komuni u jiġu kondiviżi pjanijiet ta' kontinġenza u rispons, u informazzjoni ta' intelligence dwar is-sigurtà marittima bbażata fuq valutazzjoni konġunta tar-riskju għas-sigurtà.	SM, COM, SEAE, EDA, EBCGA, EFCA, EMSA, SatCen Sal-2020

¹⁷ 14237/17.

Nru tal-azzjoni	Azzjoni	Mexxej Ewlieni/Orizzont
A.4.14	Barra minn hekk, għandha tkompli tiġi appoġġata l-ħidma doganali tal-UE biex tkun żgurata s-sigurtà tal-fruntieri esterni u tal-katina tal-provvista, inkluż permezz tat-titjib tad-data disponibbli għall-analiżi tar-riskju f'linja reali, it-tisħiħ tal-kapaċitajiet għal azzjoni kollaborattiva fir-rigward tar-riskji mal-UE kollha, u jiġu appoġġati kooperazzjoni operattiva u kondiviżjoni tal-informazzjoni aktar effettivi bejn l-awtoritajiet doganali, kummerċjali u awtoritajiet governattivi oħra, u pajjiżi terzi.	SM, COM
EDUKAZZJONI U TAĦRIĠ		
A.5.1	L-aġenziji rilevanti, l-Istati Membri u s-sħab soċjali għandhom jorganizzaw taħriġ u eżerċizzji dwar is-sigurtà marittima transsettorjali, li jkunu jinvolvu fost l-oħrajn lill-persunal tal-infurzar tal-liġi u dak militari, inkluż taħriġ ta' rispons f'emerġenzi dwar it-trattament ta' migranti, kemm fil-livell Ewropew kif ukoll f'dak reġjonali, u taħriġ dwar oqsma ta' priyorità bħall-funzjonijiet tal-gwardja tal-kosta, is-CBRN, is-sigurtà ċibernetika u l-protezzjoni ta' infrastruttura marittima kritika, inklużi kejbils u grilji f'qiegħ il-baħar, anki bi tkomplija fuq standards ta' taħriġ komuni rakkomandati u moduli ta' taħriġ bi thejjiha aħjar kontra l-isfidi u t-tħeddidi kif imsemmija f'A.4.1. Organizzazzjonijiet internazzjonali u reġjonali bħan-NU, l-ILO u l-IMO, kif ukoll in-NATO, f'konformità mas-sett ta' proposti komuni miftelma, għandhom ikunu mistiedna jieħdu sehem f'dan it-taħriġ fejn ikun xieraq.	SM, COM, SEAE, EDA, EBCGA, EFCA, EMSA Sal-2020
A.5.2	L-implimentazzjoni ta' eżerċizzji konġunti mill-awtoritajiet ta' sigurtà u sikurezza reponsabbli biex jissaħħu l-istrutturi tal-komunikazzjoni tal-awtoritajiet involuti u biex jiġu ottimizzati l-proċessi operattivi tad-diversi awtoritajiet ta' sigurtà u sikurezza marittimi.	SM, COM, SEAE Sal-2020
A.5.3	It-trawwim ta' kooperazzjoni fil-qasam tat-taħriġ u l-edukazzjoni marittimi, inkluż taħriġ fuq il-post tax-xogħol, billi jiġu promossi sinerġiji u permezz tal-istabbiliment ta' rabtiet bejn l-aġenziji tal-UE u ċentri tar-riċerka, it-taħriġ u l-edukazzjoni u ċentri ta' eċċellenza fl-Istati Membri tal-UE, inkluż dawk iċ-ċentri u l-faċilitajiet tat-taħriġ akkreditati min-NATO li huma miftuħa għall-Istati Membri kollha tal-UE.	SM, COM, SEAE, EDA, EBCGA, EFCA, EMSA Sal-2020
A.5.4	L-appoġġ għal attivitajiet edukattivi u ta' taħriġ f'pajjiżi terzi, inkluż il-funzjonijiet tal-gwardji tal-kosta, anki bl-involviment ta' aġenziji rilevanti tal-UE.	SM, COM, SEAE, EBCGA, EFCA, EMSA

Nru tal-azzjoni	Azzjoni	Mexxej Ewlieni/Orizzont
A.5.5	Il-ħolqien ta' inventarju ta' networks eżistenti għall-iżvilupp tal-għarfien u l-kompetenza fil-qasam tas-sigurtà marittima, inkluż bl-istabbiliment ta' lista komprensiva ta' materjal tat-taħriġ b'appoġġ għal kurrikulu Ewropew komuni, u l-promozzjoni ta' netwerk ta' akkademji marittimi Ewropej (akkademji navali u tal-baħar, presidenti ta' universitajiet marittimi u funzjonijiet tal-gwardji tal-kosta). Għal dan il-għan, l-eżitu tal-proġett NET tal-Akkademja Ewropea tal-Funzjonijiet tal-Gwardja tal-Kosta (ECGFA) jista' wkoll jiġi meqjus, skont il-każ.	SM, COM, SEAE, EDA, EBCGA, EFCA, EMSA
A.5.6	It-trawwim ta' taħriġ u edukazzjoni dwar ħiliet diġitali fid-dominju marittimu b'kont meħud tal-iżviluppi rilevanti fl-industrija tat-tbaħħir, f'konformità mad-Direttiva NIS u l-inizjattivi tal-UE fis-sigurtà ċibernetika u d-difiża ċibernetika.	SM, COM, SEAE, EDA, EMSA, EFCA, EBCGA, SatCen

Nru tal-azzjoni	Azzjoni	Mexxej Ewlieni/Orizzont
PARTI B - KWISTJONIJIET MARITTIMI REĠJONALI U GLOBALI		
B.1.1 Baċiri tal-ibħra Ewropej	Tiġi msaħħa d-dimensjoni tas-sigurtà fl-istrategġiji eżistenti għall-baċiri tal-ibħra tal-UE u tiġi meqjusa l-inklużjoni tagħha fi strategġiji futuri u fir-rieżami ta' dawk eżistenti, filwaqt li tiġi żgurata koordinazzjoni xierqa fost l-atturi kollha involuti fiż-żona speċifika tal-baħar.	SM, COM, SEAE
B.1.2. Baċiri tal-ibħra Ewropej	Titjeb il-koordinazzjoni bejn l-awtoritajiet ċivili u militari fl-attivitajiet ta' tiftix u salvataġġ (SAR), kif adatt, fil-baċiri tal-ibħra Ewropej meta u fejn meħtieġ, kif ukoll billi jitrawwem id-djalogu mal-atturi rilevanti kollha f'dan il-qasam.	SM, COM, SEAE, EBCGA, EFCA, EMSA
B.2.1 Baħar Mediterran	Abbażi tal-inizjattivi eżistenti għall-kooperazzjoni reġjonali, bħall-inizjattiva għall-iżvilupp sostenibbli tal-ekonomija blu fil-Mediterran tal-Punent (Strategġija WestMED) u d-Dikjarazzjoni Ministerjali Malta MedFish4Ever dwar is-sostenibbiltà tas-sajd tal-Mediterran, ikun hemm ħidma lejn aktar kooperazzjoni transsettorjali, filwaqt li jiġu indirizzati l-isfidi tal-migrazzjoni billi, fost l-oħrajn, jissaħħu l-mezzi tal-iskambju ta' informazzjoni.	COM, SEAE
B.2.2 Baħar Mediterran	Jiġu identifikati u promossi dawk l-attivitajiet marittimi reġjonali għalt-tisħiħ tal-kapaċità li joffru sinerġiji jew effiċjenzi għat-tisħiħ ta' programmi eżistenti għat-tisħiħ tal-kapaċità tas-sigurtà marittima (eż il-Proċess ta' Rabat) u l-iżvilupp ta' inizjattivi simili, fejn meħtieġa, ma' pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet reġjonali oħrajn.	COM, SEAE
B.2.3 Baħar Mediterran	Jiġu esplorati alternattivi għall-iżvilupp ta' mekkaniżmi għall-għarfien tas-sigurtà marittima fil-livell tal-UE. Dawn jenħtieġ li jkunu bbażati fuq l-esperjenza tal-Baħar Mediterran (eż. l-inizjattiva Għarfien Kondiviż u Koordinament (SHADE MED)) u inizjattivi nazzjonali u Ewropej pożittivi dwar l-iskambju ta' informazzjoni marittima, bħal CISE u MARSUR. Dan jenħtieġ ukoll li jibbenefika mill-kontributuri għall-għarfien tas-sitwazzjoni marittima tal-UE, bħall-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima (EMSA), l-Aġenzija Ewropea għall-Kontroll tas-Sajd (EFCA), l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta (EBCGA/Frontex) u ċ-Ċentru Satellitari tal-Unjoni Ewropea (SatCen).	SM, COM, SEAE, EDA, EBCGA, EFCA, EMSA, SatCen

Nru tal-azzjoni	Azzjoni	Mexxej Ewlieni/Orizzont
B.2.4 Baħar Mediterran	Titkompla l-kooperazzjoni man-NATO fil-livell operazzjonali bejn EUNAVFOR MED Operazzjoni SOPHIA u bejn l-Operazzjoni Sea Guardian f'atmosfera ta' frankezza u trasparenza, b'rispett għall-awtonomija u l-proċeduri tat-tehdid ta' deċiżjonijiet taż-żewġ organizzazzjonijiet, abbażi tal-prinċipji ta' inklużività u reċiproċità. Il-kooperazzjoni jenħtieġ ukoll li titkompla mal-atturi ċivili bħal EBCGA/Frontex.	SM, COM, SEAE, EDA, EBCGA
B.2.5 Baħar Mediterran	Jiġu esplorati alternattivi għall-iżvilupp ulterjuri tal-ħidma tal-EFCA, l-EMSA u l-EBCGA/Frontex fil-Mediterran fil-qafas tal-kooperazzjoni bejn l-aġenziji fil-funzjonijiet tal-gwardja tal-kosta, f'konformità mal-UNCLOS u, fejn applikabbli, ir-regoli tal-UE bħall-PKS u r-regolamenti dwar il-kontroll. Jiġu promossi attivitajiet ta' taħriġ fir-reġjun bejn l-awtoritajiet nazzjonali marittimi taħt dan il-qafas. Il-kontinwazzjoni tal-promozzjoni tal-kooperazzjoni u d-djalogu, inkluż ma' pajjiżi terzi, permezz ta' fora internazzjonali u reġjonali rilevanti fil-qasam marittimu, bħall-Forum Ewropew tal-Funzjonijiet tal-Gwardja tal-Kosta (ECGFF) u l-Forum Mediterranju tal-Funzjonijiet tal-Gwardja tal-Kosta (MedCGFF).	SM, COM, SEAE, EDA, EBCGA, EFCA, EMSA,
B.2.6 Baħar Mediterran	Abbażi tal-esperjenzi reċenti rilevanti, bħal dik 'il barra mill-kosta Libjana, jitkompla l-appoġġ għall-ġlieda kontra l-faċilitazzjoni ta' attivitajiet ta' dħul klandestin ta' bnedmin u attivitajiet illeċiti oħrajn ta' kuntrabandu fil-baħar, inkluż bil-kontinwazzjoni tal-koordinazzjoni tar-rispons tal-UE għall-kriżi tal-migrazzjoni, kif ukoll il-ġlieda kontra t-traffikar ta' armi illeċiti u forom oħra ta' kriminalità fil-baħar, f'koordinazzjoni, fejn ikun il-każ, ma' programmi oħra bħall-Programm Kontra l-Kriminalità Marittima Globali tal-UNODC u organizzazzjonijiet internazzjonali bħan-NATO. Jiġi sfruttat bis-sħiħ il-kunċett tal-Operazzjonijiet għas-Sigurtà Marittima tal-UE, inkluż fl-ibħra internazzjonali, filwaqt li jiġi promoss approċċ usa' għas-sigurtà marittima, u tiġi indirizzata kwalunkwe forma ta' kriminalità marittima u tkun protetta l-infrastruttura marittima kritika.	SM, COM, SEAE, EBCGA, EFCA, EMSA
B.2.7 Baħar Mediterran	Filwaqt li jiġi rikonoxxut is-sinifikat tal-baħir tal-baħar Mediterran għas-sigurtà tal-UE, jiġu promossi s-sigurtà u s-sikurezza tan-navigazzjoni, tar-rotot tal-kummerċ, kif ukoll tal-infrastrutturi u l-installazzjonijiet attwali u futuri.	SM

Nru tal-azzjoni	Azzjoni	Mexxej Ewlieni/Orizzont
B.2.8 Adrijatiku Jonju	Wara id-Dikjarazzjoni ta' Ioannina ta' Mejju 2017, titkompla l-ħidma lejn aktar kooperazzjoni dwar is-sigurtà fil-baħar, inkluż bl-istabbiliment ta' pjattaforma kollaborattiva għal koordinazzjoni aħjar tar-rispons tal-Istati Membri għall-kriżi tal-migrazzjoni u billi jitjieb il-monitoraġġ tat-traffiku marittimu permezz tat-titjib ta' sistema kondiviża unika b'has-Sistema tal-Adrijatiku għar-Rapportar ta' Bastimenti (ADRIREP). Titħeġġeġ il-kooperazzjoni reġjonali, inkluż fil-qafas tal-Karta Adrijatika.	SM, COM, SEAE
B.3.1 Baħar l-Iswed	Jiġu promossi inizjattivi għall-kooperazzjoni reġjonali, inkluż permezz tas-simplifikazzjoni tal-prijoritajiet tas-Sinerġija tal-Baħar l-Iswed f'approċċ orjentat lejn ir-riżultati, billi jiġi appoġġat il-Forum għall-Kooperazzjoni tal-Baħar l-Iswed u d-Dikjarazzjoni ta' Bucharest tal-25 ta' Ottubru 2016, li tiffoka, fost l-oħrajn, fuq it-taħriġ u l-edukazzjoni marittimi, it-taħriġ tal-gwardja tal-kosta, l-iskambju ta' informazzjoni marittima għal aktar għarfien marittimu fil-livell reġjonali, protezzjoni tal-infrastruttura marittima kritika.	SM, COM, SEAE
B.3.2 Baħar l-Iswed	Jiġu appoġġati s-sinerġiji promossi mill-Faċilità għat-Tkabir Blu fil-Baħar l-Iswed u d-Dikjarazzjoni ta' Bucharest. Il-pajjiżi parteċipanti jiġu mħeġġa jikkunsidraw is-sorveljanza marittima bħala qasam ta' prijorità ta' kooperazzjoni possibbli fl-iżvilupp ta' aġenda marittima komuni għar-reġjun, inkluż għal kwistjonijiet relatati ma' attivitajiet ta' sajd IUU u skemi internazzjonali konġunti għall-ispezzjoni tas-sajd.	SM, COM
B.3.3 Baħar l-Iswed	Tiġi appoġġata l-ħidma li ssir permezz ta' kooperazzjoni bejn l-aġenziji fil-ġlieda kontra t-traffikar, il-kuntributur jew forom oħrajn ta' kriminalità fil-baħir tal-ibħra u l-indirizzar tal-migrazzjoni bil-baħar.	SM, COM, SEAE, EBCGA, EFCA, EMSA
B.3.4 Baħar l-Iswed	Jitrawwem id-djalogu bejn il-partijiet ikkonċernati multipli fir-reġjun u jiġu inkuraġġiti proġetti reġjonali ta' R&Ż li jistgħu jikkontribwixxu għall-għarfien marittimu u s-sigurtà ġenerali marittima.	SM, COM, SEAE
B.4.1 Baħar Baltiku	Titrawwem il-kooperazzjoni dwar is-sigurtà marittima f'konformità mal-prijoritajiet stabbiliti taħt l-Istrateġija tal-Baħiri tal-Baħar tal-Unjoni Ewropea għall-Baħar Baltiku, b'mod partikolari daww żviluppati fil-Qasam tal-Politika dwar is-Sikurezza.	SM, COM, SEAE

Nru tal-azzjoni	Azzjoni	Mexxej Ewlieni/Orizzont
B 4.2 Baħar Baltiku	Jiġu promossi programmi ta' eżerċizzji u taħriġ, inkluż bl-involvement ta' organizzazzjonijiet reġjonali rilevanti bħall-Kummissjoni għall-Ħarsien tal-Ambjent Marin fil-Baħar Baltiku (HELCOM), biex jiġi ottimizzat ir-rimi u, fejn possibbli, l-eliminazzjoni ta' munizzjon kimiku u bombi mhux sploduti mormija l-baħar. Jiġu mtejbja l-proċeduri ta' emerġenza f'każ ta' rkupru aċċidentali ta' munizzjon kimiku u bombi mhux sploduti mormija l-baħar, inkluż bil-promozzjoni ta' manwal ta' proċeduri, pjan ta' kontinġenza komuni u mudelli unifikati ta' rispons għal tali inċidenti, u permezz tal-kontribuzzjoni f'bażi ta' data tal-UE ta' inċidenti u sistemi ta' rapportar.	SM, COM
B.4.3 Baħar Baltiku	Titjib tal-interoperabbiltà għas-sorveljanza u l-għieda kontra l-iskariki illegali jew aċċidentali, b'mod partikolari ta' żejt u sustanzi kimiċi oħrajn, u jiġu esplorati alternattivi għall-iżvilupp ta' mudelli komuni ta' sorveljanza tat-tniġġis marittimu. Jiġi inizzjattivi għall-iżvilupp ta' metodi ġodda u kunċetti ta' rispons għal sustanzi noċivi u potenzjalment perikolużi (HNS) u inċidenti ta' ħruġ ta' żejt fil-Baħar Baltiku.	SM, COM, aġenziji tal-UE rilevanti
B.4.4 Baħar Baltiku	Promozzjoni tal-kooperazzjoni fil-baċiri tal-ibħra biex jitrawmu l-funzjonijiet tal-gwardja tal-kosta fir-reġjun tal-Baħar Baltiku sabiex jiżdiedu l-iskambju ta' informazzjoni u l-operazzjonijiet ta' sorveljanza konġunta.	SM, COM, SEAE, EBCGA
B.5.1 Baħar tat-Tramuntana/ Baħar Baltiku	Jiġu esplorati alternattivi għal eżerċizzji tal-valutazzjoni tar-riskju u ta' ġestjoni mas-sħab rilevanti bil-ħsieb li tkun protetta l-infrastruttura marittima kritika, b'mod partikolari l-pjattaformi tal-enerġija lil hinn mill-kosta u kejbils ta' taħt il-baħar. Il-qsim regolari ta' data fost l-Istati Membri, inkluż dwar is-sorveljanza taħt il-baħar, jista' jgħin fl-identifikazzjoni, l-attribuzzjoni, ir-rappurtar dwar u l-prevenzjoni ta' kwalunkwe periklu jew dannu għall-infrastruttura kritika ta' taħt il-baħar.	SM, COM, SEAE
B.5.2 Baħar tat-Tramuntana	Jiġu promossi programmi ta' eżerċizzji u ta' taħriġ, inkluż bl-involvement tal-organizzazzjonijiet reġjonali rilevanti, biex jiġi ottimizzat ir-rimi u, fejn possibbli, l-eliminazzjoni ta' munizzjon kimiku u bombi mhux sploduti mormija fil-baħar, filwaqt li jiġi indirizzati wkoll il-proċeduri ta' emerġenza f'każ ta' rkupru aċċidentali ta' munizzjon kimiku u bombi mhux sploduti mormija l-baħar.	SM, COM

Nru tal-azzjoni	Azzjoni	Mexxej Ewlieni/Orizzont
B.6.1 Atlantiku	Titrawwem il-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri, l-aġenziji rilevanti, il-pajjiżi sħab u l-organizzazzjonijiet internazzjonali rilevanti fil-ġlieda kontra l-attivitajiet illeċiti fid-dominju marittimu fl-Oċean Atlantiku, inkluż il-Baħar tal-Karibew u speċjalment il-West Indies, fost l-oħrajn permezz tal-appoġġ għall-iżvilupp ta' applikazzjonijiet tal-osservazzjoni tad-dinja. B'mod partikolari, jiġu intensifikati l-attivitajiet tal-infurzar tal-liġi kkoordinati miċ-Ċentru ta' Analiżi u Operazzjonijiet Marittimi (MAOC(N)) fil-ġlieda kontra t-traffikar illeċitu ta' droga.	SM, COM, EBCGA, EFCA, EMSA, SatCen
B.6.2 Atlantiku	Tiġi promossa l-implimentazzjoni tal-istrateġiji reġjonali għas-sigurtà marittima b'appoġġ għall-kapaċitajiet reġjonali (UA, Komunità Ekonomika tal-Istati tal-Afrika Ċentrali (ECCAS), il-Komunità għall-Iżvilupp tan-Nofsinhar tal-Afrika (SADC), eċċ.), bħall-Kodiċi ta' Kondotta ta' Yaoundé, u l-promozzjoni tal-iżvilupp ta' ftehimiet reġjonali oħrajn, kodiċijiet ta' kondotta jew strumenti mhux vinkolanti (eż. il-Karta ta' Lomé dwar is-sigurtà marittima u l-iżvilupp) rilevanti għas-sigurtà marittima f'reġjuni marittimi ewlenin mhux siguri fid-dominju globali marittimu. Kull fejn possibbli, tiġi promossa l-aħjar prattika kif ukoll oqsma tripartitiċi ta' kooperazzjoni bejn l-UE u organizzazzjonijiet reġjonali u internazzjonali oħrajn fil-qasam tas-sigurtà marittima globali (eż. il-kooperazzjoni UE-NU-UA).	COM, SEAE
B.6.3 Atlantiku	Tiġi intensifikata l-kooperazzjoni bejn l-atturi differenti preżenti fuq iż-żewġ naħat tal-Atlantiku, inkluż il-kooperazzjoni bejn in-Nofsinhar u n-Nofsinhar tal-Atlantiku biex jiġu evitati u miġġielda forom differenti ta' kriminalità marittima u l-kooperazzjoni fir-reġjun tal-Atlantiku tat-Tramuntana. Fir-rigward tal-funzjonijiet tal-gwardja tal-kosta titkompla l-promozzjoni tal-kooperazzjoni u d-djalogu permezz ta' fora internazzjonali u reġjonali rilevanti u inizjattivi transsettorjali volontarji fil-qasam marittimu bħall-Forum tal-Atlantiku tat-Tramuntana tal-Gwardji tal-Kosta (NACGF).	SM, COM
B.6.4 Atlantiku (Golf tal-Guinea)	Jitkompla l-appoġġ għall-implimentazzjoni tal-Istrateġija u l-Pjan ta' Azzjoni tal-Golf tal-Guinea kif ukoll l-isforzi nazzjonali u reġjonali fil-qafas tal-arkitettura ta' Yaoundé u inizjattivi reġjonali u internazzjonali oħrajn, b'mod partikolari l-ħidma li saret mill-Grupp tal-Ħbieb tal-Golf tal-Guinea tal-G7++ u l-Kap Koordinatur tal-UE għall-Golf tal-Guinea. L-iżgurar tal-koordinazzjoni tal-proġetti tal-UE fil-Golf tal-Guinea għal kontribut għas-sigurtà marittima fiż-żona.	SM, COM, SEAE

Nru tal-azzjoni	Azzjoni	Mexxej Ewlieni/Orizzont
B.7.1 Oċean Indjan	Ikun hemm kontribut għall-koordinazzjoni effettiva ta' inizjattivi eżistenti u futuri fil-qasam tas-sigurtà marittima, il-PSDK, it-tisħiħ tal-kapaċitajiet u l-iżvilupp u jitkompla l-appoġġ fl-implimentazzjoni tal-Kodiċi tal-Kondotta ta' Djibouti. Ikomplu jiġu esplorati t-tagħlimiet meħuda mill-approċċ komprensiv tal-UE fil-Qarn tal-Afrika, b'koordinazzjoni mar-Rappreżentant Speċjali tal-UE għall-Qarn tal-Afrika, filwaqt li jiġu esplorati l-modi biex jittieħed kont ta' inizjattivi oħrajn, b'mod partikolari l-Manwal dwar l-Aħjar Prattika ggwidat mill-industrija, l-użu ta' persunal tas-sigurtà armat ingaġġat b'kuntratt privat (PCASP), id-definizzjoni ta' żona ta' riskju għoli, u l-ħidma mwettqa mill-Grupp ta' Kuntatt dwar il-Piraterija 'l barra mill-Kosta tas-Somalja (CGPCS).	SM, COM, SEAE
B.7.2 Oċean Indjan	Ikomplu jiġu esplorati t-tagħlimiet meħuda mill-ġlieda kontra l-piraterija 'l barra mill-kosta tas-Somalja u appoġġati l-attivitajiet tal-UE ta' kontra l-piraterija, b'mod partikolari l-mandat tal-Operazzjoni EUNAVFOR ATALANTA li tevita, tipprevjeni u ttrażzan atti ta' piraterija u ta' serq bl-użu ta' armi fuq il-baħar, f'koordinazzjoni ma' programmi u proġetti oħrajn (il-programm sigurtà marittima MASE taħt il-programm Rotot Marittimi Kritiċi tal-FEŻ u l-proġett CRIMARIO), u jiġu promossi s-sensibilizzazzjoni u l-kooperazzjoni ma' forzi navali ta' partijiet terzi biex jeskortaw il-bastimenti tal-Programm Dinji tal-Ikel.	SM, COM, SEAE, aġenziji tal-UE rilevanti
B.7.3 Oċean Indjan	Fl-istess ħin, tkompli l-promozzjoni ta' approċċ usa' għall-politika tas-sigurtà marittima fl-Oċean Indjan, biex tindirizza forom oħra ta' kriminalità marittima lil hinn mill-piraterija, mill-ibħra miftuħa sal-portijiet, u theddid għall-infrastruttura marittima kritika fl-Oċean Indjan tal-Punent usa' u r-reġjun tal-Baħar l-Aħmar filwaqt li jiġu esplorati alternattivi għall-ħolqien ta' pjattaforma dedikata għas-sigurtà marittima u l-governanza fir-reġjun.	SM, COM, SEAE
B.7.4 Oċean Indjan	Jitkompla l-appoġġ għall-istabbiliment ta' ambjent marittimu għall-qsim ta' informazzjoni u ċentri ta' fużjoni ta' informazzjoni marittima (eż. iċ-ċentru reġjonali ta' fużjoni ta' informazzjoni f'Madagascar u l-operazzjonalizzazzjoni taċ-ċentru ta' koordinazzjoni reġjonali fis-Seychelles) f'żoni ta' interess strateġiku għall-UE u l-Istati Membri tagħha, permezz ta' kontribuzzjonijiet volontarji nazzjonali u reġjonali u, fejn adatt, f'kooperazzjoni mal-industrija, abbażi tar-riżultati pożittivi ta' CGPCS u l-inizjattiva tal-Għarfien Kondiviż u Koordinament (SHADE). Fl-istess ħin, tiġi kkunsidrata l-esplorazzjoni ta' alternattivi differenti biex jitjieb l-għarfien tas-sitwazzjoni marittima u l-kooperazzjoni reġjonali, fost l-oħrajn billi tissaħħaħ l-Organizzazzjoni ta' Kooperazzjoni Reġjonali tal-Pajjiżi tal-Oċean Indjan (IORA) fiż-żewġ pajjiżi tal-Oċean Indjan, f'kooperazzjoni mas-sħab l-oħrajn fir-reġjun, b'mod partikolari l-Programm tal-Kriminalità Marittima Globali tal-UNODC.	SM, COM, SEAE

Nru tal-azzjoni	Azzjoni	Mexxej Ewlieni/Orizzont
B.7.5 Oċean Indjan u dak Paċifiku	Ikompili jiġi żviluppat approċċ strateġiku tal-UE għas-sigurtà (marittima) fl-Asja. B'mod partikolari, isir studju ta' identifikazzjoni tal-azzjonijiet u l-attivitajiet kollha eżistenti tal-UE li hemm fl-Oċean Indjan u dak Paċifiku bil-għan tal-identifikazzjoni ta' lakuni, duplikazzjonijiet u ħtiġijiet possibbli.	SM, COM, SEAE
B.7.6 Oċean Indjan u dak Paċifiku	Jiġu esplorati r-rabtiet bejn l-ambjent u s-sigurtà marittima fl-Asja, inkluż l-indirizzar tas-sorsi ewlenin tat-tniġġis tal-baħar u tal-iskart fil-baħar li jaffettwaw ir-rotot prinċipali tal-kummerċ u l-punti kritiċi fir-reġjun Asja-Paċifiku.	SM, COM, SEAE
B.7.7 Oċean Indjan u dak Paċifiku	Tiġi appoġġata l-applikazzjoni tal-UNCLOS u t-twaqqif ta' mekkaniżmi għal miżuri ta' bini ta' fiduċja reġjonali marittima fir-reġjun Asja-Paċifiku, speċjalment fil-Baħar taċ-Ċina tan-Nofsinhar. Ikun hemm kooperazzjoni f'dak ir-rigward mal-pajjiżi sħab u organizzazzjonijiet internazzjonali u tkun promossa l-applikazzjoni ta' oqfsa maqbula (b'mod partikolari l-UNCLOS) biex jiġi żgurat aċċess kontinwu mingħajr xkiel f'żoni ta' ibħra miftuħa. Jingħata appoġġ għall-proċess immexxi mill-ASEAN u għal mekkaniżmi reġjonali bħall-Ftehim ta' Kooperazzjoni Reġjonali dwar il-Ġlieda kontra l-Piraterija u s-Serq bl-Użu tal-Armi kontra vapuri fl-Asja (RECAAP). Titħeġġeġ il-konklużjoni rapida tat-taħditiet dwar kodiċi tal-kondotta li ser jappoġġa ulterjorment l-ordni reġjonali u internazzjonali bbażat fuq ir-regoli.	SM, COM, SEAE
B.7.8 Oċean Indjan u dak Paċifiku	Jitkompla l-iskambju tal-aħjar Prattika u jiġu kondiviżi l-esperjenzi pożittivi fir-riżoluzzjoni paċifika tat-tilwim u fil-kooperazzjoni reġjonali, inkluż fl-iżvilupp ta' kooperazzjoni konkreta fil-ġestjoni komuni tar-riżorsi tal-ilma u l-ħarsien tal-ambjent marin fil-qafas tad-Djalogu ta' Livell Għoli dwar is-Sigurtà Marittima stabbilit bejn l-UE u ASEAN, kif ukoll fil-qafas tal-Forum Reġjonali tal-ASEAN, il-ħames konferenza dwar l-Oċean Tagħna u BIMSTEC (Inizjattiva tal-Bajja ta' Bengal għall-Kooperazzjoni Multi Settorjali Teknika u Ekonomika).	SM, COM, SEAE
B.8.1 Artiku	Jiġi promoss l-iżvilupp tal-kapaċità marittima fir-reġjun tal-Artiku u jiġi kkunsidrat l-użu potenzjali ta' teknoloġiji u servizzi bbażati fl-ispazju (Copernicus u SatCen) fl-ilmijiet miżgħuda bis-silġ, kif ukoll l-użu potenzjali ta' bastimenti li jkissru s-silġ li jappartjenu lill-Istati Membri tal-UE fir-reġjuni polari.	SM, COM, SEAE, EDA
B.8.2 Artiku	Titkompla l-promozzjoni tal-UNCLOS, l-istat tad-dritt u l-kooperazzjoni internazzjonali fir-reġjuni polari b'mod partikolari, fil-kuntest tal-Kunsill tal-Artiku u b'kont meħud tal-ħidma tal-Forum tal-Gwardjani tal-Kosta tal-Artiku.	SM, COM, SEAE

i)

LISTA TA' REFERENZI

Preambolu u Linji Gwida ta' Implimentazzjoni

1. Pjan ta' Azzjoni 2014 dwar l-Istrateġija dwar is-Sigurtà Marittima tal-Unjoni Ewropea (16/12/2014) - 17002/14 [link](#)
2. Strateġija dwar is-Sigurtà Marittima tal-Unjoni Ewropea (24/06/2014) - 11205/14 [link](#)
3. JOINT STAFF WORKING DOCUMENT On the implementation of the EU Maritime Security Strategy Action Plan (24/06/2016) - 10625/16 [link](#);
4. JOINT STAFF WORKING DOCUMENT Second report on the implementation of the EU Maritime Security Strategy Action Plan (15/06/2017) - 10398/17 [link](#)
5. Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar [link](#)
6. Strateġija Globali għall-Politika Estera u ta' Sigurtà tal-Unjoni Ewropea [link](#)
7. Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Istrateġija ta' Sigurtà Interna Mġedda għall-Unjoni Ewropea 2015-2020 (10/06/2015) - 9798/15 [link](#)
8. Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-Sigurtà Marittima Globali (19/06/2017) - 10238/17 [link](#)
9. DOKUMENT TA' ĦIDMA KONĠUNT TAL-PERSUNAL - Sinopsis tar-riżultati tal-konsultazzjoni dwar il-governanza internazzjonali tal-oċeani li jakkumpanja d-dokument KOMUNIKAZZJONI KONĠUNTA LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI - Il-governanza internazzjonali tal-oċeani: aġenda għall-futur tal-oċeani tagħna (11/11/2016) - 14332/16 [link](#)
10. KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI Pjan ta' Azzjoni Ewropew għad-Difiża (2/12/2016) - 15160/16 [link](#)
11. Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Implimentazzjoni tad-Dikjarazzjoni Konġunta mill-President tal-Kunsill Ewropew, il-President tal-Kummissjoni Ewropea u s-Segretarju Ġenerali tal-Organizzazzjoni tat-Trattat tal-Atlantiku tat-Tramuntana (6/12/2016) - 15283/16 [link](#);
12. Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Implimentazzjoni tad-Dikjarazzjoni Konġunta mill-President tal-Kunsill Ewropew, il-President tal-Kummissjoni Ewropea u s-Segretarju Ġenerali tal-Organizzazzjoni tat-Trattat tal-Atlantiku tat-Tramuntana (5/12/2017) - 14802/17 [link](#)

PARTI A. AZZJONIJIET ORIZZONTALI

Sensibilizzazzjoni tal-EUMSS

A. 0.1 Strategy for the Gulf of Guinea [link](#)

A. 0.1 Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Qafas Strateġiku għall-Qarn tal-Afrika (14/11/2011) - 16858/11 [link](#)

Kooperazzjoni Internazzjonali

A. 1.2 Il-Konferenza l-Oċean Tagħna [link](#)

A. 1.2 Konferenza tan-NU dwar l-Oċeani [link](#)

A. 1.3 Kodiċi Internazzjonali għas-Sigurtà tal-Bastimenti u l-Faċilitajiet fil-Portijiet (ISPS) [link](#)

A. 1.4 Tribunal Internazzjonali għal-Liġi tal-Baħar [link](#)

A. 1.5 Politika Ewropea ta' Sigurtà u Difiża [link](#)

A. 1.5 EUNAVFOR Sophia [link](#)

A. 1.5 EUNAVFOR Atalanta [link](#)

A. 1.6 Joint Declaration by the President of the European Council, the President of the European Commission, and the Secretary General of the North Atlantic Treaty Organisation (8/07/2016) [link](#)

A. 1.6 Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Implimentazzjoni tad-Dikjarazzjoni Konġunta mill-President tal-Kunsill Ewropew, il-President tal-Kummissjoni Ewropea u s-Segretarju Ġenerali tal-Organizzazzjoni tat-Trattat tal-Atlantiku tat-Tramuntana (6/12/2016) - 15283/16 [link](#)

A. 1.6 Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Implimentazzjoni tad-Dikjarazzjoni Konġunta mill-President tal-Kunsill Ewropew, il-President tal-Kummissjoni Ewropea u s-Segretarju Ġenerali tal-Organizzazzjoni tat-Trattat tal-Atlantiku tat-Tramuntana (5/12/2017) - 14802/17 [link](#)

A. 1.7 Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta (EBCGA) [link](#)

A. 1.7 Aġenzija Ewropea għall-Kontroll tas-Sajd (EFCA) [link](#)

A. 1.7 Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima (EMSA) [link](#)

A. 1.7 Europol [link](#)

A. 1.7 Strument li jikkontribwixxi għall-Istabbiltà u l-Paċi (IcSP) [link](#)

A. 1.7 Strument Ewropew ta' Viċinat (ENI) [link](#)

A. 1.7 Fond Ewropew għall-Iżvilupp [link](#)

A. 1.8 KOMUNIKAZZJONI KONĠUNTA LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL
It-tisħiħ tal-kapaċitajiet sabiex jitwieżnu s-sigurtà u l-iżvilupp - L-għoti tas-setgħa lis-sħab sabiex jipprevjenu u jiġġestixxu l-kriżijiet (28/04/2015) [link](#)

A. 1.10 Kapaċità Militari tal-Ippjanar u t-Tmexxija (MPCC) skeda informattiva - [link](#)

A. 1.10 Kapaċità Ċivili tal-Ippjanar u t-Tmexxija (CPCC)- [link](#)

Għarfien Marittimu

A. 2.1 CISE Marittimu (Ambjent Komuni għall-Qsim tal-Infommazzjoni) [link](#)

A. 2.1 ID-DIRETTIVA (UE) 2016/1148 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL tas-6 ta' Lulju 2016 dwar miżuri għal livell għoli komuni ta' sigurtà tan-netwerks u tas-sistemi tal-infommazzjoni madwar l-Unjoni [link](#)

A. 2.2 EUCISE 2020 [link](#)

- A. 2.5 Programm Ewropew ta' Osservazzjoni tad-Dinja (Copernicus) [link](#)
- A. 2.5 GALILEO [link](#)
- A. 2.5 Sistema Ewropea ta' Navigazzjoni b'Kopertura Ġeostazzjonarja (EGNOS) [link](#)
- A. 2.5 Aġenzija Spazjali Ewropea [link](#)
- A. 2.5 Ċentru Satellitari tal-Unjoni Ewropea (SatCen) [link](#)
- A. 2.6 Sistema Ewropea ta' Sorveljanza tal-Fruntieri (EUROSUR) [link](#); REGOLAMENTO (UE) NRU 1052/2013 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL tat-22 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi s-Sistema Ewropea ta' Sorveljanza tal-Fruntieri (Eurosur)[link](#)
- A. 2.9 Sistema ta' Inġenju tal-Ajru Ppilotat mill-Bogħod (RPAS) [link](#)
- A. 2.10 Network ta' Sorveljanza Marittima (MARSUR) [link](#)
- A. 2.10 Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (EEAS) [link](#)
- A. 2.11 Programm tar-Rotot Marittimi Kritiċi tal-UE [link](#)
- A. 2.11 Programm ta' Sigurtà Marittima (MASE) [link](#)
- A. 2.12 INTERPOL [link](#)
- A. 2.12 Ċentru ta' Sigurtà Marittima għall-Qarn tal-Afrika (MSCHOA) [link](#)
- A. 2.12 SHADE [link](#)
- A. 2.12 SHADE MED [link](#)

Żvilupp tal-Kapaċitajiet, Riċerka u Innovazzjoni

- A. 3.1 Pjan ta' Żvilupp tal-Kapaċitajiet [link](#)
- A. 3.4 Aġenda Strateġika Globali għar-Riċerka (OSRA) [link](#)
- A. 3.4 Attivitajiet Strateġiċi Ewlenin (KSA) [link](#)
- A. 3.5 Acquis [link](#)
- A. 3.12 Orizzont 2020 [link](#)
- A. 3.12 Erasmus+ [link](#)

Għarfien u Ġestjoni tar-Riskju

- A. 4.7 Network Ewropew ta' Osservazzjoni u Data Marittima (EMODNET) [link](#)
- A. 4.8 ENISA (Aġenzija tal-Unjoni Ewropea dwar is-Sigurtà tan-Netwerks u l-Infurmazzjoni) Network tas-CSIRTs (Skwadra ta' Rispons għal Inċidenti relatati mas-Sigurtà tal-Kompjuters)[link](#)
- A. 4.10 Kooperazzjoni Strutturata Permanenti (PESCO) [link](#)

Edukazzjoni u Taħriġ

- A. 5.1 Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO) [link](#)
- A. 5.1 Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali (IMO) [link](#)

PARTI B - KWISTJONIJIET MARITTIMI REĠJONALI U GLOBALI

- B. 2.1 Strateġija WestMED [link](#)
- B. 2.1 Dikjarazzjoni ta' Malta MedFish4Ever [link](#)
- B.2.2 Il-Proċess ta' Rabat [link](#)
- B. 2.4 Operazzjoni Sea Guardian [link](#)
- B. 2.5 Forum Ewropew tal-Funzjonijiet tal-Gwardja tal-Kosta (ECGFF) [link](#)
- B. 2.5 Forum Mediterranju tal-Funzjonijiet tal-Gwardja tal-Kosta (MedCGFF) [link](#)
- B. 2.6 Programm Marittimu Globali tal-UNODC [link](#)
- B. 2.8 Dikjarazzjoni ta' Ioannina [link](#);
- B. 2.8 Karta Adrijatika [link](#)
- B. 3.1 Sinerġija tal-Baħar l-Iswed [link](#)
- B. 3.1 Forum ta' Kooperazzjoni tal-Baħar l-Iswed [link](#)
- B. 3.1 Dikjarazzjoni ta' Bucharest tal-25 ta' Ottubru 2016 (Lejn kooperazzjoni mtejbja fis-sajd u l-akwakultura fil-Baħar l-Iswed) [link](#)
- B. 4.1. Strateġija tal-Baħir tal-Baħar tal-Unjoni Ewropea għall-Baħar Baltiku [link](#)
- B. 4.2 Kummissjoni għall-Ħarsien tal-Ambjent Marin fil-Baħar Baltiku (HELCOM) [link](#)
- B. 6.1 Ċentru għall-Analiżi u l-Operazzjonijiet Marittimi (MAOC(N)) [link](#)
- B. 6.2 Kodiċi ta' Kondotta ta' Yaoundé [link](#)
- B. 6.2 Karta ta' Lomé [link](#)
- B. 6.2 Kodiċi ta' Kondotta ta' Djibouti [link](#)
- B. 6.3 Forum tal-Atlantiku tat-Tramuntana tal-Gwardji tal-Kosta (NACGF) [link](#)
- B. 7.4 Assoċjazzjoni tal-Pajjiżi tal-Oċean Indjan (IORA) [link](#)
- B. 7.7 Kooperazzjoni Reġjonali fuq il-Ġlieda Kontra l-Piraterija u s-Serq bl-Użu tal-Armi Kontra Vapuri fl-Asja (RECAAP) [link](#)
- B. 8.2 Forum tal-Gwardji tal-Kosta tal-Artiku [link](#)

GLOSSARJU TA' ABBREVJAZZJONIJIET

A

ADRIREP: Sistema tal-Adrijatiku għar-Rapportar ta' Bastimenti

ASEAN: Assoċjazzjoni tan-Nazzjonijiet tax-Xlokk tal-Asja

UA: Unjoni Afrikana

B

BIMSTEC: Inizjattiva tal-Bajja ta' Bengal għall-Kooperazzjoni Multi Settorjali Teknika u Ekonomika

C

CARD: Rieżami Annwali Koordinat dwar id-Difiża

CBRN: kimiku, bijoloġiku, radjoloġiku u nukleari

CBSD: Tisħiħ tal-Kapaċitajiet għas-Sigurtà u l-Iżvilupp

PKS: Politika Komuni tas-Sajd

CGPCS: Grupp ta' Kuntatt dwar il-Piraterija 'l barra mill-Kosta tas-Somalja

CISE: Ambjent Komuni għall-Qsim tal-Infommazzjoni

COM: Kummissjoni Ewropea

Copernicus: Programm Ewropew ta' Osservazzjoni tad-Dinja

CPCC: Kapaċità Ċivili tal-Ippjanar u t-Tmexxija

CRIMARIO: Rotot Marittimi Kritiċi fl-Oċean Indjan

PSDK: Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni

E

EBCGA/Frontex: Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta

ECCAS: Komunità Ekonomika tal-Istati tal-Afrika Ċentrali

ECGFA: Akkademja Ewropea tal-Funzjonijiet tal-Gwardja tal-Kosta

ECGFF: Forum Ewropew tal-Funzjonijiet tal-Gwardja tal-Kosta

EDA: Aġenzija Ewropea għad-Difiża

EDAP: Pjan ta' Azzjoni Ewropew għad-Difiża

FEŻ: Fond Ewropew għall-Iżvilupp

SEAE: Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna

EFCA: Aġenzija Ewropea għall-Kontroll tas-Sajd

EGNOS: Sistema Ewropea ta' Navigazzjoni b'Kopertura Ġeostazzjonarja

EMODNET: Netwerk Ewropew ta' Osservazzjoni u Data Marittima

EMSA: Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima

ENI: Strument Ewropew ta' Viċinat

ENISA: Aġenzija tal-Unjoni Ewropea dwar is-Sigurtà tan-Netwerks u l-Infommazzjoni

Erasmus+: Programm tal-Unjoni għall-Edukazzjoni, Taħriġ, Żgħażaġħ u Sport

UE: Unjoni Ewropea

EUMSS: Strateġija dwar is-Sigurtà Marittima tal-Unjoni Ewropea

EUNAVFOR: Forza navali mmexxija mill-Unjoni Ewropea

EUROSUR: Sistema Ewropea ta' Sorveljanza tal-Fruntieri

G

GALILEO: Sistemi Ewropej ta' Navigazzjoni bis-Satellita

GCC: Kunsill ta' Kooperazzjoni tal-Golf

H

HA/DR: għajnuna umanitarja/għajnuna f'każ ta' diżastru

HARMSPRO: Sorveljanza u Protezzjoni tal-Port u Marittima

HELCOM: Kummissjoni għall-Ħarsien tal-Ambjent Marin fil-Baħar Baltiku

HNS: sustanzi noċivi u potenzjalment perikolużi

I

IcSP: Strument li jikkontribwixxi għall-Istabbiltà u l-Paċi

OMI: Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali

ILO: l-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol

INTERPOL: Organizzazzjoni Internazzjonali ta' Pulizija Kriminali

IORA: Organizzazzjoni ta' Kooperazzjoni Reġjonali tal-Pajjiżi tal-Oċean Indjan

Kodiċi ISPS: Kodiċi Internazzjonali dwar is-Sigurtà tal-Vapuri u tal-Faċilitajiet tal-Portijiet

ITLOS: Tribunal Internazzjonali għal-Liġi tal-Baħar

Sajd IUU: sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat

K

KSA: Attivitàjiet Strateġiċi Ewlenin

M

MAOC (N): Ċentru għall-Analiżi u l-Operazzjonijiet Marittimi (Narkotiċi)

MARSUR: Sorveljanza Marittima

MASE: Programm li Jippromwovi s-Sigurtà Marittima Reġjonali

MAS MCM: Sistemi Marittimi (semi) Awtonomi għal Kontromiżuri kontra l-Mini

MedCGFF: Forum Mediterranju tal-Funzjonijiet tal-Gwardja tal-Kosta

MSA: għarfien tas-sitwazzjoni marittima

MPCC: Kapaċità Ċivili tal-Ippjanar u t-Tmexxija

SM: Stati Membri

MSCHOA: Ċentru tas-Sigurtà Marittima għall-Qarn tal-Afrika

N

NACGF: Forum tal-Atlantiku tat-Tramuntana tal-Gwardji tal-Kosta

NATO: Organizzazzjoni tat-Trattat tal-Atlantiku tat-Tramuntana

Direttiva NIS: Direttiva dwar miżuri għal livell għoli komuni ta' sigurtà ta' sistemi tan-netwerks u tal-informazzjoni madwar l-Unjoni

O

OPCW: Organizzazzjoni għall-Projbizzjoni ta' Armi Kimiċi

OSKE: Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa

OSRA: Aġenda Strateġika Globali għar-Riċerka

P

PESCO: Kooperazzjoni Strutturata Permanenti

PCASP: persunal tas-sigurtà armat ingaġġat b'kuntratt privat

R

RECAAP: Kooperazzjoni reġjonali fuq il-Ġlieda Kontra l-Piraterija u s-Serq bl-Użu tal-Armi Kontra Vapuri fl-Asja

RPAS: Sistema ta' Inġenju tal-Ajru Ppilotat mill-Bogħod

R&Ż: riċerka u żvilupp

R&T: riċerka u teknoloġija

S

SADC: Komunità għall-Iżvilupp tan-Nofsinhar tal-Afrika

SAR: attivitajiet ta' tiftix u salvataġġ

SatCen: Ċentru Satellitari tal-Unjoni Ewropea

SEA: Appoġġ għall-Azzjoni Esterna

SHADE: Għarfien Kondiviż u Koordinament

SHADE MED: Għarfien Kondiviż u Koordinament fil-Mediterran

SMEs: intrapriżi żgħar u ta' daqs medju

SOLAS: Konvenzjoni Internazzjonali għas-Sikurezza tal-Ħajja fuq il-Baħar

U

NU: Nazzjonijiet Uniti

UNCLOS: Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar

UNODC: Uffiċċju tan-Nazzjonijiet Uniti kontra d-Droga u l-Kriminalità
